**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 352/12 JZM**

**Giuseppa sive Josephine Camilleri (ID 112024M)**

***u***

**b`digriet tal-15 ta` Dicembru 2015 Dr Phyllis Aquilina (ID 282580M) fil-kwalita` taghha ta` kuratrici tal-interdetta Giuseppa Camilleri, giet awtorizzata tkompli din il-kawza fl-interess tal-istess Giuseppa Camilleri**

***kontra***

**John Camilleri (ID 448351M) u martu Antonia sive Antoinette Camilleri (ID 398456M) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-3 ta` April 2012 li jaqra :–

*1) Illi l-attrici, li llum ghandha tmienja u tmenin (88) sena, hija omm il-konvenut John Camilleri. Il-konvenuta Antoinette Camilleri hija mart l-istess konvenut John Camilleri.*

*2) Illi l-konvenut b`qerq, dolo u in mala fede approprija ruhu ingustament u illegalment mill-proprjeta` tal-attrici, kemm il-proprjeta` immobbli taghha kif ukoll il-flus taghha, u minhabba dan l-agir illegali, abbuziv u qarrieqi tal-konvenut l-attrici sabet ruhha fi xjuhitha b`xejn.*

*3) Illi in fatti xi xhur wara l-mewt ta` ohtha Liza Pace, l-attrici saret taf li fl-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea (**Dok. GC1**) fejn tnizzel li l-attrici ghamlet donazzjoni irrevokabbli lill-konvenut John Camilleri tas-sehem taghha f`diversi proprjetajiet immobbli, inkluz fir-residenza taghha stess, kif jirrizulta mill-istess kuntratt, li permezz tieghu l-konvenut John Camilleri akkwista l-proprjeta` immobbli tal-attrici.*

*4) Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha kif trid il-ligi ghal din id-donazzjoni tal-proprjeta` immobbli taghha lill-konvenut John Camilleri, u lanqas biss kienet taf bl-ezistenza ta` dan il-kuntratt ta` donazzjoni, u l-imsemmi att ta` donazzjoni sar b`dolo u qerq ipprattikat mill-konvenut John Camilleri ma` ohrajn, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5) Illi dakinhar tal-kuntratt l-attrici kienet giet mehuda ghand in-Nutar mill-konvenut li kien qalilha tohrog mieghu sabiex "tikteb kelmtejn", u meta kienet fl-ufficcju tan-Nutar intalbet taghmel testment. Jirrizulta li sar mhux biss testment, li diga` kien redatt u li l-kontenut tieghu ma giex spjegat lilha, izda wkoll il-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi. L-attrici fl-ebda waqt ma tat istruzzjonijiet li hija xtaqet taghmel kuntratt ta` donazzjoni u lanqas ma gie spjegat jew moqri lill-attrici li hija kienet qed tittrasferixxi matul hajjitha l-proprjeta` immobbli taghha, inkluz sehemha fid-dar ta` residenza taghha stess, versu l-konvenut John Camilleri.*

*6) Illi l-istess agir abbuziv u illegali da parti tal-konvenut twettaq ukoll sabiex tittiehed il-proprjeta` ta` oht l-attrici Caterina Pace, u fil-fatt*

*diga` ttiehdu proceduri gudizzjarji mill-istess Caterina Pace permezz tar-Rikors Guramentat Numru 203/2012 fl-ismijiet Caterina Pace vs John Camilleri et.*

*7) Illi ghalhekk il-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt fuq imsemmi tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea (**Dok. CP1**) kien vizzjat b`qerq u huwa invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*8) Illi billi l-attrici qatt ma kellha intenzjoni li taghti donazzjoni tal-proprjeta` immobbli taghha, u lanqas kienet taf li qed taghti b`donazzjoni irrevokabbli l-proprjeta` taghha, inkluz sehemha fir-residenza taghha stess, lill-konvenut, il-kunsens tal-attrici huwa wkoll vizzjat bi zball u huwa ghalhekk invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*9) Illi dak li sar huwa wkoll bi ksur tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*10) Illi apparti minn hekk, bis-sahha ta` prokura lilu moghtija l-istess konvenut abbuzivament gibed mill-kont bankarju tal-attrici bin-numru 044-076545-050 mal-Bank HSBC Bank Malta plc is-somma ta` tlettax-il elf ewro (€13,000) minghajr il-kunsens u r-rieda tal-attrici u misapproprija tali somma, u qed jirrifjuta li jirritorna din is-somma lill-attrici minkejja li gie debitament interpellat anki b`ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (**Dok. GC2**) u ohra tal-4 ta` Awwissu 2011 (**Dok. GC4**).*

*11) Illi fl-ittra ufficjali tieghu tat-22 ta` Lulju 2011 (**Dok. GC3**) il-konvenut John Camilleri diga` ammetta li ha din is-somma ta` tlettax-il elf ewro (€13,000) minghand l-attrici izda qed jippretendi li ghandu d-dritt izommha bhala kumpens ghal servigi rezi minnu lil ommu, liema kumpens pero` bl-ebda mod ma huwa dovut.*

*12) Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza stante li l-konvenut qed jirrifjuta li jikkonsenja lura lill-attrici dak kollu li ha minghandha illegalment kif fuq premess.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*i. Tiddikjara li l-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. GC1**) li permezz tieghu l-konvenut akkwista l-proprjeta` immobbli tal-attrici kien vizzjat b`qerq da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici jew moghti bi zball li jinvalida l-kunsens tal-attrici fuq l-istess kuntratt ;*

*ii. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. GC1**) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;*

*iii. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. GC1**) huwa wkoll null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artiklu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta) billi sar bi ksur tal-procedura sancita fil-provedimenti tal-istess Att ;*

*iv. Tordna ghalhekk ir-rexissjoni tal-kuntratt ta` donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-erbatax (14) ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (**Dok. GC1**) ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta` rexissjoni ;*

*v. Tahtar ghalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta` rexissjoni u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta` rexissjoni ;*

*vi. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma debituri tal-attrici fl-ammont ta` tlettax-il elf ewro (€13,000) jew somma verjuri rapprezentanti flejjes tal-attrici li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirritornaw lill-attrici minghajr raguni valida ;*

*vii. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici din is-somma ta` tlettax-il elf ewro (€13,000) jew somma verjuri.*

*Bl-imghax legali fuq is-somma ta` tlettax-il elf ewro (€13,000) mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (**Dok. GC2**) u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (**Dok. GC2**) u tal-ittra ufficjali tal-4 ta` Awwissu 2011 (**Dok. GC4**) u tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni, u b`rizerva ta` kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet ipprezentata fl-14 ta` Mejju 2012 li taqra :–

*1. Fl-ewwel lok in-nullita` tal-azzjoni odjerna stante li l-fakultajiet mentali tal-attrici Giuseppa sive Josephine Camilleri mhumiex tali li jippermettulha li tistitwixxi proceduri legali jew li tressaq personalment u validament xi forma ta` talba gudizzjarja u kwindi li tifhem tali proceduri, li tikkonferma l-atti relattivi bil-gurament taghha u li ssegwi l-istess u dan in vista tal-kundizzjoni medika taghha li zviluppat ricentement. Effettivament, wara l-isem tal-attrici jinsabu jistahbew hut l-intimat John Camilleri u zwieghom li permezz ta` din l-azzjoni qeghdin jintentaw li jhassru dawk l-atti kollha validament konkluzi kif ukoll dak kollu li ghamlet l-attrici mal-intimat John Camilleri meta din kien ghad kellha l-fakultajiet mentali taghha kif mehtieg mil-ligi ghall-validita` tal-atti relattivi.*

*2. Illi l-konvenut ma ezercita ebda qerq, dolo jew "mala fede" fil-konfront ta` ommu tant li lanqas fl-istess rikors guramentat ma ssir ebda referenza ghal liema rapprezentazzjonijiet foloz, artifizi frawdolenti, u raggiri gravi u determinanti gew imwettqin mill-intimat b`qerq tal-istess attrici u kif inhu mehtieg ghas-success ta` tali kawzali ta` nullita`. Fil-fatt kienet l-istess attrici li talbitu kemm-il darba sabiex imorru ghand Nutar bil-ghan li tikkonkludi d-donazzjoni li issa qed tigi attakkata u kienet kuntenta meta ghamlet dan. Ma jistax ikun li l-attrici skopriet biss ricentement li ghamlet dan il-kuntratt u dan ghaliex, kif jinghad hawn fuq, kienet hi li riedet tikkonkludi tali kuntratt u f`dan ir-rigward gie sahansitra ingaggat l-ufficcju tan-Nutar li solitament jippubblika l-atti ghall-attrici u ghal hutha.*

*3. Illi lanqas ma jezisti ebda zball da parti tal-attrici fil-mod li din iddeportat ruhha fil-konfront tal-intimati, wisq anqas xi zball li huwa sostanzjali, skuzabbli u determinanti li jirrendu l-kuntratt ta` donazzjoni null u bla effett.*

*4. Illi lanqas ma jezisti ebda nuqqas ta` forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-kuntratt ta` donazzjoni wiehed null u bla effett. Id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta) gew ukoll skrupolozament segwiti min-Nutar li ppubblika l-att.*

*5. Illi lanqas ma tezisti ebda raguni li tiggustifika r-restituzzjoni ta` kwalunkwe flus moghtija mill-attrici lill-intimat u dan peress li tali somma tirrapprezenta hlas u kumpens ghas-servigi rezi mill-intimati lejn l-istess attrici u kif ukoll in kumpens tal-ispejjez inkorsi mill-istess intimati f`isem l-istess attrici u a beneficcju esklussiv taghha u dan kif validament koncess mill-istess attrici fiz-zmien relattiv qabel ma kienet mardet mentalment, inkluz iz-zmien kollu li damet residenti ghand il-mittenti wara li bintha Mary Grace Catania u sussegwentement uliedha l-ohrajn kollha rrifjutaw li jzommuha maghhom. Qatt qabel l-ittra ufficjali datata 4 ta` Awwissu 2011 ma gew l-intimati mitlubin mill-attrici personalment sabiex jirrifondu xi somma ta` flus, dan minkejja l-fatt li l-esponenti baqa` jzurha regolarment u jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha wkoll meta din giet rikoverata f`dar tal-anzjani.*

*6. Illi effettivament l-attrici ghamlet zmien tghix mal-intimati u l-intimati kienu ilhom ghal zmien twil qabel dan jiehdu kura taghha. Il-problemi bdew jinqalghu ghaliex hut l-intimat John Camilleri u zwieghom ma bdewx japprezzaw il-mod li bih l-attrici kienet qed tagixxi fil-konfront ta` binha li kien spicca l-uniku iben li kien qed jiehu hsieb lil ommu. Kienu nqalghu incidenti ta` tghajjir u theddid anke fl-isptar u fil-konfront tal-intimati u anke ta` binthom l-Ispizjara Eliza Camilleri dan kif ikkonfermat ukoll mir-rapporti relattiv maghmul mill-intimat (Dok. `A`, `B`u `C` hawn annessi). Sussegwentement, anke meta l-attrici giet rikoverata f`dar tal-anzjani l-intimati baqghu wkoll jaghtuha l-kura kollha mehtiega, dan sakemm oht l-intimat Mary Grace Catania kienet hadet lill-attrici mill-istess dar tal-anzjani u ma rritornathiex hemmhekk minkejja li l-kundizzjonijiet li tbati bihom l-attrici huma gravi u jehtiegu kura kontinwa. F`dan ir-rigward l-intimat kien anke ghamel rapport fi hdan l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. `D`).*

*7. Illi fir-rigward tal-kawza allegatament istitwita wkoll minn Caterina Pace, l-esponenti jirrizervaw li jwiegbu ghat-talbiet hemmhekk kontenuti fl-atti ta` dik il-kawza.*

*8. Illi fi kwalunkwe kaz l-intimati m`ghandhom x`jirritornaw xejn lill-attrici u lanqas ma jezistu ebda ragunijiet li ghalihom il-kuntratt ta` donazzjoni relattiv jista` jigi ddikjarat null u bla effett ai fini u effetti tal-ligi.*

*9. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*10. Illi l-eccezzjonijiet tal-esponenti qeghdin jigu mressqa lkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 tat direzzjoni tal-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar din l-eccezzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri.

**Rat is-sentenza li tat fit-30 ta` Settembru 2013 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni.**

Semghet ix-xiehda dwar il-mertu u rat il-provi l-ohra.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2017 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. **Provi**

**Giuseppa Camilleri** xehdet illi hija kienet tigi bint John Camilleri u Grazia xebba Pace, it-tnejn mejtin. Kellha ohtha wahda hajja jisimha Caterina Pace. Toqghod 13, Mula Street, Zebbug. Ghandha hames ulied, fosthom il-konvenut, dak li skont ix-xhud, kien seraqha. Fil-fatt dan hadilha kulma kellha peress li mar il-bank u hadilha l-flus kollha li kellha hemm. Hija riedet li flusha jinqasmu bejn uliedha kollha. Ma kinitx certa kemm kellha flus.

Kompliet tixhed l-konvenut kien hadha ghand in-nutar. Qalet li n-nutar ma spjegatilha xejn dwar il-karti li kienet qed tikteb. Fil-kamra kien prezenti l-konvenut. Kien qalilha li ser jehodha taghmel kelmtejn ghand in-nutar izda hija baqghet ma tafx x`inhuma dawn il-kelmtejn. Ghand in-nutar hija ffirmat xi karti.

Stqarret li n-nutar ma qaltilha xejn dwar it-testment tar-ragel taghha. Hija staqsiet lin-nutar jekk it-testment ta` zewgha kienx ghadu jghodd u din qaltilha li kien ghadu jghodd.

Xehdet illi bhal ma ghamel lilha, il-konvenut ghamel l-istess ma` ohtha Caterina, fis-sens li hadilha kulma kellha.

Qalet li bintha Mary Grace Catania tiehu hsiebha. Gieli marret ghand il-konvenut biex jiehu hsiebha kif ukoll ghand uliedha l-ohra.

Qalet illi trid il-flus u l-propjeta` lura sabiex tqassamhom hi ghaliex thobb lil uliedha kollha.

Fil-**kontroezami**, ipprecizat li l-flus li ttiehdulha kienu l-bank. Fil-fatt kienet marret tigbed l-imghax, u l-iskrivan ma taha xejn peress li l-flus kienu ttiehdu mill-konvenut. Mid-dar ma ttiehdux flus.

Kompliet tixhed illi l-konvenut ma qalilhiex x`kienu sejrin jaghmlu ghand in-nutar.

Ikkonfermat illi ghamlet zmien toqghod ma` l-konvenut ; xi xahar jew tnejn.  Imbaghad kienet toqghod ghand xi wild iehor taghha.

Qalet li ghamlet zmien tghix gewwa *home* ghaliex kienu xebghu minnha izda hija ma setghetx toqghod hemmhekk ghax gisimha tela` xewk xewk u ponot. Kien il-konvenut li poggieha go *home* ghax kien xeba` minnha. Meta kienet il-*home,* il-konvenut ma kienx imur.

Qalet li l-konvenut hadha l-isptar f`okkazjoni wahda biss mentri bintha kienet tehodha b`mod regolari l-isptar ghal vizti. Cahdet illi bint il-konvenut, li hija spizjara, kienet tiehu hsiebha.

Fissret illi hija qatt ma kienet miggielda ma` uliedha. Cahdet li lill-konvenut kienet qaltlu li ser taghtih kollox ghaliex kien l-uniku wiehed li baqa` jiehu hsiebha. Hija kellha aktar ulied u ma kinitx ser taghti flusha kollha lill-konvenut.  Il-flus tal-medicina kienet tohroghom hi minn taghha, anke fi zmien meta kienet tghix mal-konvenut.

Ikkonfermat li kellha ftehim ma` l-konvenut li seta` juza l-flus taghha biex ikun jista` jiehu hsiebha.

**<u>Caterina Pace</u>** xehdet illi l-attrici tigi ohtha.  Hija l-unika li baqghet hajja mill-ahwa.

Xehdet illi hi kienet ghamlet kawza kontra l-konvenut ghaliex serqilha kulma kellha. Flusha kienet tathom lill-konvenuta.

Qalet li dak li garrbet hi garrbitu l-attrici wkoll.  Fil-fatt il-konvenut hadilha `l ommu kulma kellha. Wara li mbaghad xeba` minnha, hadha go *home* mill-aghar fejn lanqas kienet tiekol.

Saret taf minn ohtha li l-konvenut kien hadilha kollox `l ommu.  Hija ghamlet kawza kontra l-konvenut ghal li ghamlilha.  Qalet ukoll illi xebba u riedet li flusha jmorru ghand in-neputijiet ulied l-attrici.  Tiftakar li kellha l-flus id-dar u tathom lill-konvenuta biex tmur tqeghdhom il-bank billi bezghet li jisirquha.  Meta talbitha l-flus, il-konvenut cahdet li qatt tatha flus.

Xehdet illi l-konvenuta haditha taghmel testment u hi ghamlitu kif riedet hi. Kienet bidlet it-testment tliet darbiet.

Tghid illi n-nutar kien taha xi zewg karti li ffirmathom izda hi ma kinitx taf x`inhuma dawk il-karti ghaliex in-nutar ma kien spjegalha xejn. Dak il-hin kienet wahediha ghand in-nutar ghaliex il-konvenuta kienet qed tistenniha barra.

Cahdet li hija qatt riedet taghti l-ghelieqi u d-dar taghha lill-konvenut. Hija thobb lin-neputijiet kollha ulied ohtha l-istess u ried tqassam hwejjigha maghhom indaqs.

Stqarret li qalghet il-flus mix-xoghol tal-hjata li kienet taghmel u mill-annimali. Illum ma kienx fadlilha flus. Qabez l-eta` ta` 90 sena.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi kienet l-attrici ohtha li qaltilha b`li kien gralha.

Xehdet illi hija marret darba ghand in-nutar biex taghmel it-testment. Imbaghad marret drabi ohra biex tibdel it-testment.

Qalet li ohtha dejjem kienet tghid li l-konvenut ma kien jghidilha b`xejn. Ghamel zmien jorqod maghha bhalma kienu jaghmlu hutu l-ohra izda gara in segwitu li qal lil hutu sabiex ma jibqghux jorqdu maghha.

Mhux minnu lil l-attrici ohtha ghamlet zmien torqod wehidha sakemm marret toqghod ma` l-konvenuti. Dejjem kien ikollha lil xi hadd jorqod maghha u hija kienet tmur hdejha titmaghha u taghtiha x`tiekol. Meta kienet b`sahhitha, l-attrici kienet toqghod wehidha.

Kompliet tghid li l-attrici kienet marret tghix ghal xi zmien ma` l-konvenuti izda mbaghad kienet waqghet u ttiehdet l-isptar. Mill-isptar, ittiehdet go *home* li kienet wahda mill-aghar. Hemm kienet imdejjqa hafna.

**Prof. Dr. Anthony Zammit** xehed illi l-attrici kienet pazjenta regolari tieghu. L-ahhar li nvistaha kien fis-6 ta` Gunju 2012. Ghalkemm raha dakinhar, il-vista ma kenitx ghal ragunijiet relatati ma` sahha mentali.

Qal hekk ghaliex l-attrici kienet lucida u kellha awtonomija ta` decizjoni u ben orjentata. Anke meta sa sentejn qabel kellu bzonn joperaha, dejjem kienet hi li tat il-kunsens biex jipprocedi.

Jaf li kien hemm dizgwid fil-familja u staghgeb meta sar jaf b`dan peress li huwa dejjem kien jara li l-attrici kellha l-appogg ta` uliedha.

Fil-**kontroezami** xehed illi huwa kien jara lill-attrici u lil ohtha kull sitta jew tnax-il xahar. Waqt kull vizta, kien jistaqsi certi domandi lill-attrici u din dejjem kienet tirrispondi b`risposta logika. Huwa kien jibda dejjem b`ezami dwar l-istat mentali. Insista li meta tkellem ma` Catherine Pace u Josephine Camilleri, it-tnejn kienu lucidi u ghalhekk hareg ic-certifikat f`dan is-sens.

**Tabib Psikjatra Dr. Anthony Dimech** ikkonferma li kien hareg certifikati medici dwar il-qaghda mentali ta` l-attrici. L-aktar rilevanti kien dak li hareg fit-2 ta` April 2012 (Dok GC6), u cioe` lejliet il-prezentata tar-rikors guramentat odjern. Huwa accerta lill-Qorti li l-attrici kienet *compos mentis*. Josephine Camilleri kienet qaltlu li hija riedet tiehu lill-konvenut il-qorti sabiex tiehu lura dak li kien taghha.

Fil-**kontroezami** spjega li t-testijiet kienu jsiru fl-ambjent naturali tal-pazjent. Kien jaghmel *home visits.* Il-pazjenta ma tkunx akkumpanjata. Huwa kien ikkontattat mill-familjari taghha ghall-fini tal-ezami.

**Tabib Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino** xehed li huwa nvista lil Josephine Camilleri u rrilaxxja c-certifikat Dok C anness ma` Dok GC1. Il-konkluzjoni tieghu kienet li l-attrici ma kellhiex mard mentali u li l-gudizzju taghha kien tajjeb biex taghmel testment. Dak kien l-ezami li ghamel fil-kaz taghha. Li kieku kienet ser taghmel xi att iehor, l-ezami kien ikun differenti. Ma ghamel l-ebda indagni ghalfejn kien se jsir testment.

**Tabib Dr. Godfrey Farrugia** xehed illi kien it-tabib tal-familja tal-attrici ghal hafna snin. Kien jaf tajjeb kemm lilha kif ukoll il-familja kollha. Kien invistaha fis-sitt gimghat precedenti l-21 ta` Gunju 2012. Huwa accerta l-Qorti li l-istat konoxxitiv tal-attrici kien tajjeb u li kienet taf x`inhi taghmel. L-attrici ma kellhiex xi livell gholi ta` istruzzjoni. Hija persuna anzjana, kwieta, tal-knisja u tal-familja. Kellha wkoll relazzjoni tajba ma` uliedha.

Fil-**kontroezami** xehed illi kien jaf il-konvenuti. Ikkonferma li ghamel zmien imur jinvista lill-attrici fid-dar tal-konvenuti kif ukoll go postijiet ohra. Kien hemm zmien meta sahhitha kienet mgharrqa u ghalhekk kellha bzonn ta` iktar kura fisika intensive.

**Av. Dr. Anthia Zammit** xehdet illi hija l-avukat ta` Giuseppa Camilleri u Caterina Pace u kienet tmur izzurhom b`mod regolari wara Mejju 2011. Giuseppa Camilleri kienet qaltilha li binha kien serqilha kulma kellha. Gieli marret taraha fil-*home* u anke bnadi ohra. Ghamlet il-verifiki taghha biex tkun taf kienux ingibdu flus mill-bank kif ukoll gabret id-dokumentazzjoni kollha biex tara xi trasferimenti kienu saru. L-attrici kienet imbikkma li spiccat b`xejn. Kienet ipprezentata ittra ufficjali fit-18 ta` Lulju 2011 li ghaliha kien hemm risposta fit-22 ta` Lulju 2011. Ghalkemm fir-risposta kien allegat li l-attrici tbati minn problemi ta` sahha mentali, accertat il-Qorti li ma kellhiex dubbji dwar is-sahha mentali tajba ta` Giuseppa Camilleri. Fl-istess waqt kienet invistata minn psikjatra u sarulha testijiet apposta.

Fil-**kontroezami** xehdet illi kien il-familjari li ghazlu min kellu jezamina lill-attrici. Meta kellmet lill-attrici kif ukoll lil Caterina Pace, kellmithom wahedhom. Anke Caterina Pace qaltilha li l-konvenuti kienu serqulha flusha.

**Av. Dr. Paul Cachia** xehed li huwa kien inghata l-*file* minghand Dr. Anthia Zammit.

Huwa kellem kemm lill-attrici kif ukoll lil Caterina Pace qabel ipprezentaw il-kawzi rispettivi.

Qal li huwa hassu komdu bhala avukat ghall-inkariku li tatu l-attrici.

Stqarr illi huwa kien talab li jsir certifikat dwar il-kapacita mentali tal-attrici qabel il-prezentata tal-kawza peress li kien issopona li kienet ser titqajjem eccezzjoni dwar inkapacita`.

**Robert Tonna** – Direttur Manigerjali - Dragon Company Limited – xehed illi l-kumpannija tmexxi Sa Maison Home. Ipprezenta r-*records* ta` Giuseppa Camilleri li dahlet fil-home fil-11 ta` Dicembru 2010 wara li giet rilaxxjata minn Mater Dei. Spiccat toqghod fil-*home* mill-25 ta` Lulju 2011.

**Nutar Dr. Mariella Mizzi** kkonfermat li l-kuntratt a fol 8 kien ippubblikat mill-kollega taghha Nutar Dr. George sive` Yurgen Galea.

Xehdet illi qabel dak il-kuntratt, Giuseppa Camilleri u l-familja taghha kienu ghamlu xi xoghol fl-ufficju taghha. Qalet li l-ahwa kienu ghamlu xi donazzjonijiet izda mhux hija kienet ippubblikat l-atti. Spjegat li darba kienet tkellmet ma` Giuseppa Camilleri li kienet qaltilha li ghandha l-*meningite* u li kellha xi problemi ta` sahha. Qalet li kienet tkellmet maghha wara li kienet ghadha kif harget minn quddiem in-Nutar Galea.

Kompliet tixhed illi Giuseppa Camilleri kienet talbitha taghmlilha xi xoghol. Hija kienet talbet lill-attrici biex iggib certifikat mediku. Spjegat li hija procedura ta` l-ufficju taghha li jintalab certifikat mediku minn persuni ta` certa eta`.

Qalet li hija kienet tigi avvicinatha minn ulied Giuseppa Camilleri izda mbaghad kienet titkellem maghha wahedha.

Qalet li kienet anke marret fil-*home* fejn kienet qeghda tabita.

Xehdet illi kienet konvinta li dak li ghamlet Giuseppa Camilleri fit-testment taghha huwa dak li riedet taghmlu dak il-hin ghax kienet taf xhini taghmel.

Fil-**kontroezami,** xehdet illi kemm hi kif ukoll in-Nutar Galea jkunu fl-ufficcju taghhom ta` Triq Lorenzo Gafa, Zebbug, fl-istess hinijiet u granet.

Fil-kaz in ezami, xehdet illi ma ddiskutiet xejn peress li l-file kien hadmu Dr Galea.

Ikkonfermat li l-familja Camilleri gieli cemplu lilha u gieli cemplu lil Dr Galea.

Dakinhar li sar il-kuntratt, hija kienet prezenti fl-ufficju izda mhux fil-kamra fejn sar il-kuntratt.

Ikkonfermat li Giuseppa Camilleri tbati ftit min-nuqqas ta` smigh izda hija dejjem ikkomunikat tajjeb maghha.

**Nutar Dr. George sive Yurgen Galea** xehed li l-partijiet li dehru fil-kuntratt a fol 8 kienu klijenti regolari ta` Dr Mariella Mizzi.

Dwar l-attrici, xehed illi huwa qatt ma nghata x`jifhem illi hija persuna li ma tafx x`qed taghmel.

Spjega li l-atti li ghamel fir-rigward ta` Giuseppa Camilleri u hutha Katerina Pace u Elisabetta Pace kienu l-ewwel atti li kien qed jaghmlilhom bhala nutar. Huwa kien jafhom minn wicchom ghaliex dawn kienu klijenti ta` Dr Mariella Mizzi.

Ikkonferma li d-dokumenti li kienu mehtieg mad-donazzjoni, ossija *site plan* u stima tal-perit kien ha hsiebhom John Camilleri. Qal li peress li l-kuntratt huwa pjuttost twil, huwa solitament jkun ikkommunika mal-klijenti u ddiskuta maghhom xi jridu jaghmlu filwaqt li jinfurmahom x`tip ta` dokumenti ghandhom jingiebu. Qal li jista` jkun li kien iltaqa` ma` John Camilleri biss qabel fassal il-kuntratt, u jista` jkun iltaqa` ma` Giuseppa Camilleri wkoll.

Mistoqsi jekk rahiex stramba kif ic-certifikat anness mal-kuntratt kien ighid illi Giuseppa Camilleri ghanhda *"full testamentary capacity"* u mhux kapacita` biex taghmel kuntratt, huwa nsista li seta` jaghmel il-kuntratt anke minghajr dak ic-certifikat.

Qal li huwa ma jiftakarx jekk irrimarkax lil John Camilleri li dak ic-certifikat kien wiehed li jirrigwarda kapacita` li jsir testment. Qal li ghalih ma hemmx differenza fis-sens li jekk bniedem jista` jaghmel testment jista` jaghmel kuntratt ukoll. Sostna li huwa talab dan ic-certifikat peress li Giuseppa Camilleri kienet mentalment tajba izda kellha certa` eta`.

Skont hu, Giuseppa Camilleri setghet taghmel din id-donazzjoni. Sostna li jista` jkun li n-Nutar Mizzi kienet prezenti fl-ufficju dakinhar li sar il-kuntratt, ghalkemm mhux fil-kamra mieghu. Qal li minhabba ragunijiet prattici, biex jghagglu aktar il-proceduri, hu u l-kollega tieghu gieli jaqsmu x-xoghol.

Qal li l-abbozz kien preparat minnu u kien imfassal fl-istil tieghu.

Mistoqsi kif ma rahiex stramba li mara kienet ghadha toqghod f`wiehed mill-postijiet donati u fl-istess hin, kienet qed taghti pussess vakanti lil John Camilleri, huwa sostna li dawn il-kuntratti kienu jirrigwardaw sehem indiviz. Qal li huwa ma jiftakarx jekk ghamilx dawk il-konsiderazzjonijiet.

Sostna li jekk il-klijenta kellha xi problema dwar dak li kien qed jinkiteb, kien imiss waqqfitu.

Qal li b`mod generali, huwa jidhol fil-kwistjoni tal-legittima meta jsir donazzjoni ma` iben partikolari.

**Il-konvenut** xehed illi l-attrici ommu ghamlet minn Frar 2010 sa Dicembru 2010 tghix mieghu, ma` martu u ma` tlett uliedu fid-dar taghhom. Matul dak iz-zmien u anke qabel, huwa kien jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha kemm fid-dar u kif ukoll meta kien ikollha bzonn tmur l-isptar. Fir-rigward tal-istat mentali ta` ommu, huwa qal li ghal habta tal-ahhar ta` Novembru 2010 beda jinnota ghall-ewwel darba agir min-naha taghha li ma kienx tas-soltu. Kienet tinkwieta hafna li hadd minn uliedha ma kien qed imur jaraha hlief ghal binha David. Hutu l-ohra kienu ilhom izjed minn sena ma jarawha. Bdiet tinkwieta dwar id-dar taghha u dwar l-affarijiet li kellha fiha. Filghaxija kienu jpogguha torqod fis-soqqa taghha pero` kienet terga` tqum irrabjata hafna u tibda ssemmi l-problema li kellha ma` hutu l-ohra. Kienet targumenta b`mod stramb tant li gie li anke qaltilhom li riedet taqbez, li riedet tisparalhom jew li riedu jitfghuha mill-gallerija ghal isfel.

Kompla jixhed illi, hlief ghal dawn l-episodji, ommu kienet kuntenta maghhom. Qal li pprova jkellem lil hutu biex imorru jaraw lil ommhom imma kien kollu ta` xejn. Ghal bidu ta` Dicembru 2010, huma kellhom jiehdu lil ommu l-isptar ghaliex hargilha l-hruq ta` Sant` Antnin. Wara li harget mill-isptar, bdew jaghtuha *fits* li kienu jsabbtuha ma` l-art. Rega` haduha l-isptar u nzammet go kamra ghaliha. Qal li martu kienet infurmatu li kien kellimha tabib kunjomu Pocock li qalilha li ommu ma kinitx ta` wehidha u kellha bzonn ta` *care* ghal 24 siegha kuljum. Martu qaltlu li meta zaret lil ommu din kienet insiet li kienet ilha tghix maghhom ghal ghaxar xhur. Ommu bdiet tghajjatlu bl-isem ta` missieru u bdiet tfixkel lit-tfal tieghu u ma taghrafhomx. Minhabba fl-istat li kienet fih, huma sab *home* ghal ommu u hutu kienu rega` bdew izuruha hemmhekk.

Kompla jixhed illi ommu kienet kontinwament tgorr waqt li kienet il-*home* ghalkemm hu u ohtha Caterina Pace kienu jaraw b`ghajnejhom li din ma kien jonqosha xejn. Qal li minhabba d-*dementia* li kienet tbati biha, huwa beda jiehu lil ommu ghal terapija l-Isptar Karin Grech.

Stqarr illi fl-2206 ommu kienet mardet b`*meningite* li wasslitha sabiex tigi rikoverata l-isptar ghal madwar tlett xhur. Ommu kienet toqghod wahedha fi 12, Mula Street, Haz Zebbug. Dak iz-zmien ma kienx hemm problemi ma` hutu u kienu jmorru jaraw lill-attrici ta` sikwit. Qabel ma marret l-isptar, ommu tat il-muftieh tad-dar taghha lil huh David bil-patt li dan ma jitilqux minn idu. Fid-dar kien hemm flus u anke deheb skont ma kienet tghid ommu. Huh David kien qallu li kien sab xi flus go armarju u kien tahom lil ohthom Mary Grace.

Kompla stqarr illi meta ommu rkuprat, l-ahwa ftehmu li jzommuha xahar kull wiehed. Huwa ma semma xejn dwar il-fatt li hutu messew il-flus ghalkemm l-iskop ta` ommu li tat ic-cavetta lil huh kienet biex jehodilha hsieb ix-xtieli. Fl-2007, ommu u z-zijiet Liza, Catherine u Filippa ftehmu li jaqsmu xi proprjeta` li kellhom bejnu u bejn hutu l-ohra. Zammew xi ghelieqi ghalihom. Mary Grace u Philip dehru ghal ommu mentri huwa deher ghaz-zija Filippa. Iz-zijiet Catherine u Liza dehru personalment fuq il-kuntratt. Qal li z-zija Liza kienet xtaqet tafda lil martu Antoinette biex tiehu hsieb u lin-Nutar Mariella Mizzi biex taghmel l-att. Martu kienet tikkonsulta maghhom u kienet tkellmet mal-perit.

Sostna li hu kien halla lil hutu jaghzlu l-ewwel dak li riedu. Qal li waqt il-qasma kien gie suggeriet li l-flus u d-deheb li kien hemm fid-dar ta` ommu jigu depozitati fuq isem kulhadd. Qal li fuq ismu ma gewx depozitati ebda flus jew oggetti ta` valur. Qal li hu u l-familja tieghu kienu jghixu flimkien maz-zijiet u kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet taz-zijiet. Huwa kien jorqod id-dar maghhom kuljum minn Novembru 2005 sa Mejju 2011.

Fisser illi meta beda jzomm lil ommu ghal xahar, hija kienet tibki meta tkun sejra minghandu. Kienet tmur ghandu tinten u mahmuga. Spjega li darba marret tkellmu mara jisimha Anna li qaltlu li kienet kellmet lil Mary Grace biex ma thallix lil ommu iktar ghand huh Philip peress li martu Carmen ma kinitx qed tittratta maghha sew. Spjega li wara xi zmien hutu David u Philip ma baqghux jzommu lil ommu ghandhom u din ittiehdet lura fid-dar taghha. L-omm thalliet ghal tlett xhur wehidha. Ommu dak iz-zmien indunat li ma kienx hemm id-deheb u l-flus fid-dar. Huwa pprova jikkalma lil ommu ghalkemm ma qaghadx jistaqsi lil hutu dwar il-flus u d-deheb.

Kompla fisser illi z-zija Katerin kienet tiehu l-ikel lil ommu. Ommu kienet il-hin kollu tgerger li hutu Joe, David u Mary Grace qatt ma kienu jmorru jarawha. Meta ghaddew it-tlett xhur, u kien imiss ix-xahar li toqghod ghandu, ommu hadet decizjoni li tibqa` ghandu. Waqt li kienet ghandu, huh David biss kien gie jara lil ommu u Philip mar f`okkazjoni wahda. Ommu nsistiet li taghmlu prokuratur taghha.

Fisser illi ommu kienet qaltlu li mart Philip kienet tghajjat maghha filwaqt li bintha u r-ragel kienu jhalluha wehidha. Qal li ommu kienet staqsiet lil Philip x`kien ghamel bil-flus taghha izda huwa kien wiegeb li ma jafx. Ommu kienet irrabjat u qaltlu biex jehodha ghand in-nutar halli tiktiblu kollox u sabiex jiehu l-ftit flus li kellha l-bank. Qal li huwa ha EUR 13,000 mill-bank bil-kunsens ta` ommu. Kien ukoll kontattjata n-Nutar Mizzi sabiex ommu tfissrilha x`riedet taghmel.

Qal illi n-Nutar Galea kien tkellem ma` ommu li fehmitu x`riedet taghmel. Ommu tat b`donazzjoni l-ishma taghha fil-proprjetajiet immobbli hlief ghall-propjeta` fejn ighix huh Joseph u cioe` 10, Mula Street, Haz-Zebbug. Cahad li huwa sforza lil ommu b`xi mod. In-nutar kien fiehem lil ommu li dak li kienet ser taghmel kienet li ser tghaddilu l-proprjeta` u ma tkunx tista` tehodha lura. Fissrilha wkoll li kienet qeghda tippreferi lilu.

Kompla jghid li meta ommu kienet ghadha s-Sa Maison Home, skopra li hutu kienu hadu nutar ghand ommu sabiex din taghmel testment favur taghhom, dan wara li saru jafu li ommu kienet ghamlet donazzjoni favur tieghu u haduha kontrih

Xehed illi huwa qatt ma kellu interess li jqarraq b`hutu tant li mexa skrupolozament ma` dawk li kienu x-xewqat ta` ommu. Insista li huwa qatt ma dahak b`ommu.

Qal li wara li hargu lil ommu minn Sa Maison Home haduha ftit wara l-Jasmine Home. U beda jmur jara lill-ommu hemm. Ommu ferhet bih u bil-familja meta marru jzuruha.

Fil-**kontroezami** xehed illi fis-sajf tal-2010 ossija ftit qabel ma ha lil ommu mieghu, huwa kien ha lil ommu ghand in-nutar fuq struzzjonijiet taghha.

Qal li l-eccitament li kienet qed tbati minnu ommu kien gej min-nuqqas li uliedha l-ohra li jmorru jarawha. Qal li huwa kien talab lil hutu sabiex imorru jzuruha izda huma rrifjutaw hlief ghal David li kien imur xi drabi.

Ikkonferma li ommu kienet tiehu pilloli kuljum u kienet ilha tehodhom mill-2006 minn meta kienet qabditha l-meningite. Ikkonferma li kien hu li jforni l-pilloli li jkollha bzonn ommu waqt li kienet fil-*home*. Huwa cahad li kien hemm zmien fejn hu naqas li jiehu l-pilloli tal-*fits* il-*home*. Qal li huwa qatt ma gie avzat b`dak li kienu qed jaghmlu hutu b`ommu.

Kompla jghid illi huwa gibed il-flus ta` ommu mill-bank fejn kienu bis-sahha ta` prokura li kienet saret apozitament sabiex huwa jkun jista` jigbed il-flus. Huwa pogga dawk il-flus fil-kont tieghu. Sostna li ommu qaltlu li huwa kien qed izommha u jiehu hsiebha u li l-ohrajn keccewha `l barra u ghalhekk hija tathomlu ghaliex qaltlu li huwa kellu bzonnhom ghat-tfal tieghu li kollha marru l-universita. Ommu qaltlu kemm-il darba quddiem it-tfal u martu sabiex imur jiehu l-flus.

Xehed illi s-sistema ta` jiehdu lil ommhom xahar kull wiehed damet ghaddejja ghal madwar sentejn.

Stqarr illi qabel sari l-kuntratt, huwa ha lil ommu ghal vizta ghand il-psikjatra Vella Baldacchino. Sostna li kien xeba` jisma` lil ommu tghid li trid taghtih dak li fadlilha b`donazzjoni. Huwa ha lil ommu ghand il-psikjatra ghax hekk kien mitlub jaghmel min-nutar.

Xehed illi fiz-zmien meta saret il-qasma ma` hutu, ir-relazzjoni kienet tajba ghalkemm kien hemm gwerra bierda bejniethom. Sostna li r-ragel ta` ohtu dejjem kien il-problema. Mistoqsi kif jiggustifika l-fatt li minn banda jghid li meta saret il-qasma fl-2007 huwa kien tajjeb ma` hutu, imbaghad fl-istess nifs ighid li fl-2006 hutu serqu lil ommhom billi hadulha flejjes u deheb, huwa sostna li qabel ma` ommu ttiehdet l-isptar, tat ic-cavetta u l-muftieh tad-dar lil David. Kien hemm hafna cwievet jigru izda muftieh wiehed kien hemm u dan inghata lil David. Huwa skopra li kien ittiehed id-deheb u l-flus zmien wara li ommu kienet harget mill-isptar u rega` marret id-dar taghha fejn ma sabet xejn.

Sostna li meta sema` li hutu kienu sabu xi flus, ma kienx gie f`mohhu li dawn kienu ser jinsterqu minnhom ghaliex huwa haseb li l-flus kienu ser jinghataw lil ohtu biex izzommhom hi biex xi darba jinqasmu bejn kulhadd. Huwa cahad li l-flus li ttiehdu mid-dar ta` ommu kienu ammonti zghar. Spjega li huwa semma din il-kwistjoni tas-serq tal-flus peress li ommu, meta kienet ghandu, kienet tghidlu li hadulha kulma kellha u li huwa kien ser jibqa` b`xejn. Ommu qaltlu li kulma kellha haduhulha l-ohrajn u ghalhekk dak li kellha l-bank kienet ser taghtih lilu. Sostna li huwa ma riedx jehodhom imma tant qaltlu ghal diversi drabi li fl-ahhar hadhom.

Kompla jixhed li l-proprjeta` riedet iddawwarha fuqu u rrifjuta ghall-ewwel izda mbaghad accetta. Sostna li huwa qatt ma ried xejn, tant hu hekk li huwa dejjem kien lest li jirranga ma` hutu izda kien dejjem jiddeffes Richard Catania u kollox jisfratta. Huwa kkonferma li r-raguni ta` ommu ghalfejn sar il-kuntratt ta` donazzjoni kien l-allegat serq ta` flus u deheb.

Ikkonferma li ohtu Mary Grace dejjem zammitha lil ommha meta kien imissha izda kienet titlaq ghax-xoghol flimkien ma` zewgha u jhalluha wehidha. Sostna li lanqas kienet tahsilha bhalma taghmel il-mara tieghu.

Spjega li meta ommu kienet il-*home,* huma kienu johrogu flus minn taghhom, flimkien mal-pensjoni. Huwa insista li ohtu u zewgha Richard ma kellhomx xkiel li jmorru d-dar taghhom jaraw lill-attrici. Il-problema kienet gejja min-naha ta` Richard u mhux min-naha tieghu.

Spjega li huwa ma jafx jekk Richard u Mary Grace hadux fastidju meta hu ha lil ommu toqghod mieghu. Ikkonferma li ommu kellha *hearing aid* li gieli kienet tuza u gieli le. Sostna li ma jiftakarx jekk il-*hearing aid* kinitx ghand ommu meta kien hadha tghix mieghu ghal dawk id-disa` xhur, izda cert li huwa kien jikkomunika tajjeb ma` ommu.

Xehed illi meta gie biex isir il-kuntratt in-Nutar Mizzi tkellmet ma` ommu u mbaghad qaltlu biex jghaddu ghand in-nutar l-iehor li jahdem fl-istess ufficju u li ppubblika l-kuntratt. Sostna li n-Nutar Galea kien qallu biex johrog ftit u kellimha wahedha ; imbaghad rega` talbu biex jidhol. Huwa kien prezenti dakinhar li sar il-kuntratt ta` donazzjoni. Huwa qal li ommu mxiet ma` dak li rrakkomanda n-nutar u sar testment dakinhar stess li ghalih kien prezenti hu wkoll.

Spjega li l-ewwel li sar kien il-kuntratt ta` donazzjoni. In-nutar spjega lil ommu dak li kien ser isir. Huwa kien diga` tkellem man-nutar u qallu x`kellha f`mohhha li taghmel ommu. Sostna li kien in-nutar li ssuggerixxa li ghandu jiehu lil ommu ghand espert mediku sabiex jinhareg certifikat dwar il-kapacitajiet taghha. Meta ha lil ommu ghand l-espert mediku, ommu kienet qaltlu li hija riedet taghmel att ta` donazzjoni. Mistoqsi r-raguni ghalfejn l-espert mediku kiteb li l-omm kienet kapaci taghmel testment, huwa ma gharafx iwiegeb, ghalkemm baqa` jinsisti li quddiem it-Tabib Vella Baldacchino, huwa ghamilha cara li ommu riedet taghmel donazzjoni ossija li taghti dak kollu li fadal lilu.

Cahad li huwa dahak biz-zija Katerin ukoll.

Sostna li z-zija Katerin kienet qalet lill-espert mediku li hija riedet taghmel kuntratt ta` donazzjoni bhalma ghamlet ommu.

**<u>Il-konvenuta</u>** kkonfermat id-deposizzjoni ta` zewgha.

Xehdet illi sakemm il-kunjata kienet toqghod ghandhom, kienu jmorru jarawha biss David u l-familja tieghu u f` okkazjoni wahda Philip. Qalet li l-kunjata riedet taghmel lil zewgha binha prokuratur. Huwa cempel lil Richard Catania u nfurmah b`dan. Qalet li huma qatt ma ghamlu xejn bil-mohbi. Spjegat li c-cheque tal-pensjoni tal-attrici kien imur dritt il-bank u zewgha kien juza il-prokura biex jigbed il-flus.

Spjegat li meta l-attrici rat li uliedha l-ohra kienu abbandunawha, insistiet maghhom li jingibdu l-flus li kellha l-bank ammontanti ghal Lm 6000. Sostniet li l-attrici qaltilhom li jekk ma jihduhomx, huma kienu ser jispiccaw b`xejn. Spjegat li anke fir-rigward ta` donazzjonijiet maghmula, l-attrici kienet taf x`inhi taghmel tant li l-proprjeta` li fiha kien joqghod Joseph Camilleri ma gietx inkluza sabiex ma ccahhadx lil Joseph mill-post fejn kien joqghod. Wara l-kuntratt ta` donazzjoni, kien gie l-perit tal-Gvern biex jikkonferma l-valur tal-proprjeta`.

Kompliet tixhed illi kienu Richard u Grace Catania li hargu lill-attrici mis-Sa Maison Home u haduha ghandhom. Hi u zewgha hadu l-hwejjeg tal-attrici u l-medicini l-Ghassa ta` Haz Zebbug u Catania gabruhom minn hemm.

Sostniet li hi u zewgha kienu privati milli jzuru lill-attrici. Cahdet illi qatt dahku bl-attrici jew biz-zijiet l-ohra. Sostniet li l-attrici qatt ma kellha intenzjoni tipprezenta din il-kawza izda dak li sar sehh minhabba l-pressjoni li ghamel Richard Catania. Qalet li l-izbank tal-flus sehh wara l-istruzzjonijiet tal-attrici, u wara insistenza mill-attrici, quddiem in-nutar ta` fiducja taghha.

Spjegat li zewgha pprova jitkellem ma` hutu wara li saret il-kawza izda ma kienx wasal fi ftehim maghhom. Ipprova jkellem lil ommu izda ma thalliex. Kien biss bl-intervent ta` l-qorti li zewgha rega` beda jzur lil ommu. Qalet li meta saru jafu li omm ir-ragel giet rikoverata go Jasmine Home, huma marru jzuruha sakemm issa ntbaghtet San Vincenz de Paule, fejn ukoll izuruha u gieli johorguha u jiehduha sad-dar maghhom.

Sostniet li ma kenitx prezenti meta sar ic-certifikat mediku tal-kunjata u lanqas meta saret id-donazzjoni. Hi kienet taf x`inhu jigri ghaliex zewgha kien qal kemm-il darba lil ommu biex thalli kollox kif inhu izda din kienet tibqa` tinsisti mieghu. Spjegat li l-kunjata kienet ferm irrabjata dwar il-fatt li ma sabitx il-flus u d-deheb li kellha go darha. Spjegat li l-kunjata kienet ghamlet zmien twil barra minn darha minhabba li kienet l-isptar u wara kienet bdiet tghix ma` uliedha fid-djar taghhom u ghalhekk inkwetat meta xhin marret go darha ma sabet xejn milli halliet.

Kompliet tghid li d-donazzjoni saret peress li l-kunjata riedet taghti lilhom minhabba li huma kienu qed jiehdu hsiebha.

Stqarret li l-kunjata kienet rat li mhux sew li l-ohrajn hadu kollox u min kien qed idur biha ma kien ha xejn. Sostniet li darba minnhom, meta kienu hergin wara laqgha, il-mara ta` David, kienet qaltilha li David kien sab Lm 3,000 u ghaddiehom lil ohtu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, hija qalet li Giuseppa Camilleri damet bejn hmistax u tlett gimghat bil-hruq ta` Sant` Antnin. L-effetti tieghu hallewlha konsegwenzi serji peress li affettwawlha n-nerarituri ta` rasha.

Qalet li l-*fits* li kienet iggarrab l-attrici kienu jkunu qawwija hafna ; kienet issir vjola, taqleb ghajnejha, titrieghed u taghmel tahtha. Spjegat li Giuseppa Camilleri kienet infurmat lil zewgha li riedet taghmlu prokuratur ghaliex huwa kien jiehu hsiebha. Qalet li zewgha kien informa lil hutu u dawn ma tawx kaz. Qalet li Giuseppa Camilleri kienet qalet lil zewgha biex

jigbed il-flus kollha taghha peress li kienu huma li kienu qed jiehdu hsiebha u riedet taghtihom dawn il-flus tal-pacenzja li qed jiehdu biha.

**<u>Ilona Camilleri</u>** – bint il-konvenuti – xehdet illi n-nanna taghhom l-attrici kienet toqghod maghhom. Dak iz-zmien hija kienet tkun id-dar tahdem fuq it-rezi tal-lawrea u n-nanna kienet izzommilha kumpanija. Qalet li n-nanna gieli kienet tkun i mhassba dwar fejn kienu marru l-flus u d-deheb taghha peress li kienet qaltilha li hadulha kollox mid-dar taghha qabel marret toqghod maghhom.

Iddeskriviet okkazjoni fejn kienu marru ghan-nanna minghand zitha Mary Grace u nannitha kienet giet mahmuga u mgerfxa. Ommha kienet haslitha u missierha kienet hadha taqta` x-xaghar bil-konsegwenza li nannitha kienet ferhet hafna. Qalet li meta n-nanna kienet fil-*home,* hija kienet izzurha u spjegatilha li kienet iddedikat it-tezi lilha.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehdet illi fiz-zmien ta` qabel marret toqghod maghhom in-nanna, huma kellhom relazzjoni tajba maz-zijiet taghha. Sostniet izda li zgur kien hemm problemi maz-ziju Richard minn mindu kienet zghira. Iz-ziju Richard holoq hafna glied fil-familja.

Spjegat li hija kienet tmur ma` ommha biex tigbor lin-nanna minghand zitha Grace. Qalet li hija tista` tghid biss fuq dak li kienet tisma` lin-nanna tghid. Hi ma kinitx toqghod tstaqsi lin-nanna dwar dettalji u qatt ma staqsietha x`kienu hadulha z-zijiet. Spjegat li hija kienet tghid lin-nanna li dawk uliedha u li kollha jhobbuha. Sostniet li hija lanqas lill-genituri taghha ma kienet toqghod isaqsi dwar x`gara.

Sostniet li hija ma taf xejn dwar id-donazzjonijiet li saru a favur ta` missierha. Hija qatt ma tkellmet man-nanna taghha dwar dak is-suggett.

**<u>Av. Dr. Brigitte Gafa`</u>** ghat-Tabib Principali tal-Gvern ipprezentat kopja awtentikata tal-*medical history* ta` l-attrici li kien hemm l-Isptar Mater Dei. Qalet li hija qatt ma ghaddiet kopja tal-*medical history file* ta` Giuseppa Camilleri lil xi avukat tal-partijiet.

**<u>Audrey Ghigo</u>** ghal HSBC Bank Malta plc ipprezentat kopja ta` *bank voucher* fejn fis-16 ta` Marzu 2010 sar gbid tal-flus mill-kont numru

044076645050 intestat Josephine Camilleri. Ipprezentat ukoll kopja ta` prokura.

**Tabib Dr. Anthony J Fenech** – Konsulent fl-Audiologija – xehed li fil-25 ta` Jannar 2001 huwa kien ghamel test tas-smigh lil Giuseppa Camilleri. In-nuqqas ta` smiegh huwa wiehed *severe* u dak iz-zmien kien ordna li tibda tuza *hearing aid.* Huwa ssuggerixxa li jsiru tnejn peress li ma kienx hemm differenza kbira bejn widna u ohra. Fil-fatt saret wahda biss.

Kompla jixhed illi rega` ezamina lil Giuseppa Camilleri fil-25 ta` Lulju 2011 fejn irrizulta li fil-lemin, in-nuqqas ta` smigh kien sar *severe to profound* mentri fin-naha tax-xellug, kien sar *severe* izjed. Huwa ppropona li jaghmel *hearing aid* ohra.

Qal li hija kienet talbet jekk setax jezaminaha l-isptar u huwa kien ghamilha *fast track* biex rega` raha fit-2 ta` Awissu 2011 Mater Dei.

Qal li huwa ffirmalha biex tinghata *hearing aid* fuq in-naha tax-xellug ghax fil-fehma tieghu, iktar kellu cans jghinha fuq in-naha tax-xellug. U hekk sar.

Wara Awissu 2011 ma regax raha.

**Rev Dun Daniel Cardona** - Arcipriet tal-Parrocca ta` San Filep Haz-Zebbug – xehed illi **jaf lil** Giuseppa Camilleri. Iddeskrivieha bhala mara semplici li kienet tahdem l-ghalqa, ghalkemm ma kenitx frekwenti fil-hajja socjali tal-parocca. Qal li apparti t-tberik, huwa kien mar ghand Giuseppa Camilleri f`okkazjoni ohra wara li kien mitlub jaghmel dan mit-tifla taghha minhabba kwistjoni li kien hemm bejn l-ahwa. Bint Giuseppa Camilleri kienet qaltilha li kien hemm xi *roster* bejn l-ahwa kif johduha meta kien imisshom u kien hemm xi diffikulta` li ma riditx jew ma hallewhiex tohrog mid-dar. Wara li kellimha, Giuseppa Camilleri kienet hadet il-parir tieghu u marret ghand it-tifla fiz-zmien li kellha tmur.

**Mary Grace Catania** – bint l-attrici – xehdet illi hija kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet ta` ommha u tehodha kull fejn ikollha bzonn. Wara li miet missierha, ir-responsabbilita` lejn ommha zdiedet. Fl-2004, ommha ghamlet operazzjoni biex tnehhi kilwa. Ghal nofs Gunju 2006, ommha qabadha hafna

deni u giet rikoverata l-isptar peress li kien gidimha xi inset li avvelenalha demmha. Spicca kellhom jaqtughlha zewgt iswaba` u damet hafna l-isptar.

Kompliet tixhed illi ommha ttiehdet l-Isptar Zammit Clapp ghar-riabilitazzjoni. Irrizulta li kellha bzonnijiet godda. Huma l-hamest ahwa ftehmu li kull wiehed izomm lil ommhom xahar ghandu u l-pensjoni taghha ghal dak ix-xahar johodha dak li ghandu tkun l-omm ghall-bzonnijiet li jkollha. Il-ftehim dam ghaddej ghaxar xhur ghax kellu jieqaf billi tnejn mill-ahwa kienu nqalghulhom problemi personali u ma setghux izzommuha aktar. Ommha baqghet ghandha ghaliex hadd ma offra li jaqsam iz-zmien maghha. Damet ghal madwar sentejn izzomm hi lill-omm ghal tlett xhur u l-konvenut izommha ghal xahar biss.

Stqarret illi wara kwazi sentejn, hi u zewgha hassewhom ma jifilhux u nghataw parir mediku biex inaqqsu l-istress. Saret laqgha ohra bejn il-hamest ahwa u sar ftehim illi z-zewgt ahwa li ma setghux izommu lil ommhom fid-dar taghhom, imorru jorqdu ghand l-omm. Qalet li dawn kienu jirrangaw mill-ahjar li jistghu biex l-omm ma tithalliex wahedha. L-attrici sabitha komda d-dar. Involvew lill-Arcipriet Cardona li kkonvinca lill-attrici sabiex tmur ghand it-tfal. Ghalkemm ghall-ewwel ommha kkoperat, kull darba li kienet taghmel iz-zmien fid-dar taghha maz-zewg uliedha, hija kienet tkun trid tibqa` f`darha. Gara li mbaghad il-konvenut qabad u ha lil ommhom ghandu u ma hadhiex ghandha minkejja li kien wasal it-*turn* li ommha toqghod maghha.

Kompliet tghid illi mbaghad irceviet telefonata fejn kienet infurmata li ommha kienet l-isptar. Fil-fatt marret taraha. Xi jiem wara, rega` kienet infurmata li ommha kienet ittiehdet go *home.* Meta marret tara lil ommha l-home, sabitha rrabjata ghaliex hadd ma kien qalilha li ser tittiehed hemm. Fil-*home,* ommha damet minn nofs Dicembru 2010 sa nofs Lulju 2011. Minkejja li kienu jzuruha ta` spiss, ommha kienet ikkonfonduta hafna u kienet tghidilhom li ma tafx x`hawdilha l-konvenut fit-testment li kellha ma` missierhom. Ommha insistiet li riedet tkellem lin-nutara mill-gdid. Hija ma vverifikatx ma` l-konvenut x`kien gara izda kellmet lin-nutara biex tmur il-*home.*

Qalet li marret in-Nutar Mizzi u ommha ghamlet testment. Hija ma kenitx prezenti.

Kompliet tghid illi ommha kienet imdejqa l-*home*. Ghalhekk haditha toqghod maghha anke ghaliex kienet waqfet tiekol. Hutha kienu jafu hlief il-konvenut ghaliex ma qaltlux.

Xehdet illi meta fittxew l-affarijiet ta` ommhom sabu li kien sar il-kuntratt. Ommhom ma kenitx taf li kien sar kuntratt. Lanqas ma kienet taf x`hini donazzjoni. Insistiet li meta ommha ttiehdet ghand in-nutar mill-konvenut, ma kellhiex il-*hearing aid* ghax il-*hearing aid* thalla d-dar ta` ommha.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi fl-2006, ommha mardet bil-meningite u kienet rikoverata l-isptar. Ikkonfermat li qabel telqet mid-dar f`dik l-okkazjoni, ghaddiet il-muftieh tad-dar taghha lil huha David. Kulhadd kellu cavett tal-bieb tad-dar izda mhux tal-bieb ta` barra li kien jinfetah b`cavetta u muftieh. David gieli dahal biex jitma l-fniek u jsaqqi l-qsari. Ma tafx jekk ommha hallietx flus id-dar. Qalet li huha David kien gie b`envelope b`xi flus go fih ammontanti ghal inqas minn €100, li sab fl-armarju ta` ommu. Hija refghet dawn il-flus.

Xehdet illi hija qatt ma semghet lil ommha tinkwieta li ma sabitx xi flus. Ikkonfermat li hi u huha Philip ghamlu zmien prokuraturi ta` ommhom.

Kompliet tghid li s-sistema li kull wiehed mill-ahwa izomm lill-attrici ghal xahar hadmet biss ghal zewg *turns*.

Spjegat li zewgha kien jiehu hsieb jlesti l-pilloli li kellha tiehu ommha anke meta din kien imissha tkun ghand hutha l-ohra. Il-pilloli kienu jingiebu b`xejn u kienu jinxtrawhom biss meta kienu jkunu *out of stock*. Qalet li kull min kien izomm lil omm, kien izomm il-pensjoni taghha ghal dak ix-xahar. Mill-pensjoni, kien ikun hemm bizzejjed flus biex jigu kkurati l-bzonnijiet ta` l-attrici.

Xehdet illi sakemm ommha kienet ghand il-konvenut, din suppost li kellha tibqa` tiehu l-pilloli li kienet tiehu ghandha izda hija ma kelliex komunikazzjoni ma` ommha dak iz-zmien, peress li kienet urtata fuq dak li ghamel il-konvenut meta ha lil ommhom id-dar tieghu minflok hadha ghandha.

Spjegat li meta ommha kienet tkun id-dar ghandha, hadd ma kien imur izurha. Hi ma kenitx tmur ghand il-konvenuti ghax dawn ma kellhomx pjacir biha go darhom.

Qalet li sakemm ommha damet ghand il-konvenuti, hija qatt ma marret tara lil ommha izda binha Robert kien gieli jmur u jehodha dawra. Sostniet li meta ommha kienet ghand il-konvenut ma kinitx taf x`inhu jigri. Meta kienu nfurmati li ommha kienet ittiehdet l-isptar, huma kienu marru jarawha u din kienet semmitilhom li kienet waqghet u wegghet sew.

Kompliet tixhed illi wara li n-Nutar Mariella Mizzi marret tara lil ommha fil-*home,* sar testment gdid. Hadd ma kellem lin-Nutar biex jara x`gara. Ommha qaltilha li kienet ghamlet dak it-testment sabiex it-testment li kienet ghamlet ma` missierhom jibqa` jghodd ghax hi u zewgha kienu jhobbu lil uliedhom ilkoll indaqs.

Qalet li n-Nutar Mizzi kienet habiba taghha u habiba baqghet.

Stqarret li ommha qatt ma qaltilha li kienet ser thalli b`donazzjoni xi haga partikolari lil huha John. Ommha riedet li kulhadd jibqa` l-istess.

**<u>Richard Catania</u>** xehed li l-attrici kienet tigi omm il-mara tieghu.

Xehed illi wara li l-attrici mardet, sar ftehim li kull wiehed minn uliedha izomm lill-kunjata ghal xahar.

Maz-zmien, tnejn mill-ahwa ma setghux jibqghu jzommu lil ommhom ghandhom u ghalhekk martu spiccat izzomm lil ommha ghal tlett xhur u xahar izommha l-konvenut u xahar iehor izommha huhom iehor Joe.

Fl-2009, inqalghu problemi medici ghalih u ghal martu. Saret laqgha ma` Joe u l-konvenut sabiex izommu lill-omm xahar kull wiehed izda l-konvenut ma riedx. Imbaghad saret laqgha ohra ma` l-ahwa kollha u t-tnejn li ma setghux izommu lil ommhom, accettaw li jiehdu hsieb lil ommhom fid-dar taghha. Meta bdiet din is-sistema l-gdida, l-omm ma riditx tohrog minn darha u harget wara intervent mill-Arcipriet izda meta rega` jmissha tibqa` f`darha hija riedet toqghod hemm. Martu ppruvat tikkonvinciha biex tohrog

mid-dar u tmur ghandha izda ma rnexxiliex. Imbaghad gew infurmati mill-konvenut li kien ha lil ommu d-dar tieghu u kienet ser toqghod mieghu.

Kompla jixhed illi l-konvenut kien qallu li kien sar prokuratur ta` ommu, wara li martu u huha iehor kienu ilhom prokuraturi flimkien ta` l-omm ghal diversi snin. Il-konvenut qallu wkoll li ser izomm lil omm mieghu. Min-naha tieghu qal lill-konvenut sabiex jzomm l-affarijet kif inhu xieraq. Malli qallu dawk il-kliem, il-konvenut hadu bl-gherra.

Stqarr illi Dicembru 2010, cemplet il-konvenuta u qaltilhom li l-kunjata kellha tittiehed l-isptar ghax qabadha l-hruq ta` Sant` Antnin. Huma marru jarawha. In segwitu, il-konvenuta rega` cemplet u qaltilhom li l-omm kienet tpoggiet go *home* . Dan sehh minghajr ma kienu konsultati l-ahwa. Marru jarawha l-*home*. Meta marru sabu lill-kunjata nkwetata hafna. Bdiet tghidilhom illi l-konvenut kien hadha ghand nutar u ma kenitx taf x`hawwdilha. Bdiet tghid li diga` kellha testment ma` zewgha u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn terga` tmur ghand in-nutar. Insistiet maghhom li jiehdu n-nutar il-*home* halli tkellimha u tara x`kien hawwad il-konvenut. Bhala fatt in-Nutar Mariella Mizzi marret il-*home* u l-attrici ghamlet testament iehor. Dan kien Dicembru 2010.

Kompla stqarr illi l-attrici ma kellhiex *dementia*. Mhux bhal ohtha Liza. Wara li mietet Liza, irrizulta li kienet ghamlet testament fejn halliet kollox lill-konvenut.

Kompla jghid illi wara li saret b`li kien ghamel il-konvenut maz-zijiet, l-attrici marret il-bank flimkien ma` tnejn minn uliedha u sabet illi f`Marzu 2010, il-konvenut kien zbanka flusha kollha. Dan gara fi zmien immedjatament wara li l-konvenut kien sar prokuratur tal-attrici. In segwitu saret ricerka u rrizulta li f`Gunju 2010, l-attrici ghamlet kuntratt ta` donazzjoni ta` kull ma kellha favur il-konvenut. L-istess kien gara fir-rigward ta` Katerin Pace.

Qal illi l-attrici kienet qeghda tghix maghhom u xi kultant tmur naqra ghand wiehed minn binha. Mill-*home,* Giuseppa Camilleri harget fis-16 ta` Lulju 2011 bil-parir tat-tabib. Spjega li l-kunjata qaltilhom li meta l-konvenut hadha ghand in-nutar ma kinitx taf fejn kienet sejra. Qaltilhom illi ffirmat dak li tawha quddiemha ghax kien minghaliha li t-testment ta` zewgha kien se jibqa` jghodd. Huwa sostna li Giuseppa Camilleri qatt ma tawha *fits* kemm kienet ilha ghandhom ghaliex tinghata l-medicini kollha li

tehtieg. Meta kienet il-*home,* ma kinitx tinghata l-pilloli ghal *fits* hekk kif suppost tehodhom.

Fil-**kontroezami** xehed illi l-attrici damet Sa Maison Home mill-14 ta` Dicembru 2010 sas-16 ta` Lulju 2011.

Meta l-kunjata ghamlet it-testment il-*home* n-nutar kienet wahedha maghha.

Sar jaf bil-kuntratt ta` donazzjoni f`Marzu 2011.

Cahad li Giuseppa Camilleri kienet inkwetata dwar fejn hu d-deheb taghha. Huwa qal li d-deheb li kellha fuqha ommha meta mardet ossija par imsielet u curkett, kien qieghed ghand il-mara tieghu u x`hin tigi nieqsa, dan jista` jittiehed. Huwa sostna li fl-ebda hin ma cemplet il-kunjata tghidilhom li hija ma tridx tmur ghandhom ghaliex riedet tibqa` ghand il-konvenut. Meta l-kunjata kienet ghand il-konvenut, kien imur jaraha t-tifel tieghu u gieli gabha d-dar taghhom. Ma kinux imorru ghaliex huma hassew li l-konvenuti ma kellhomx pjacir bihom.

Qal li meta binhom gab lil Giuseppa Camilleri ghandhom, huma kienu staqsewha ghalfejn ma tmurx toqghod ghandhom u hija kienet qaltilhom li xhin imissha tmur, kien ser johodha l-konvenut. Huwa qalilha li meta trid setghet tmur.

Stqarret li l-ewwel darba li tkellem mal-attrici dwar il-prokura kien meta hija kienet *home* u bdiet tghidlu li kienet inkwetata ferm.

Ikkonferma li Giuseppa Camilleri kienet mardet fl-2006 u sentejn qabel kienet mardet b`kilwa. Kienet damet hafna l-isptar. Qal li jista` jkun li kellha deheb id-dar izda qal li ma kienx jaf dwaru. Kulma kien jaf huwa li d-deheb li kellha fuqha meta dahlet l-isptar kien jinsab ghand il-mara tieghu.

Huwa cahad li l-kunjata kienet inkwetata dwar id-deheb taghha fl-2006 ghaliex dak iz-zmien, l-inkwiet li kellha kienet sahhitha.

Sahaq illi qatt ma kellu problemi jew glied mal-kunjata. Hu u martu kienu jmorru kuljum jaraw lill-kunjata meta din kienet il-*home.*

Huwa cahad li l-konvenuta kienet qed izzommhom aggornati bl-istat ta` sahha ta` l-attrici meta kienet qeghda tghix mal-konvenuti.

Qal li wara li hargu lill-attrici mill-*home*, ma ghamlu l-ebda kuntatt mal-konvenuti.

**<u>Albert Philip Camilleri</u>** – iben l-attrici – xehed li ommu hija mara biezla, kwieta u ta` ftit paroli. Kienet taghti anke daqqa t` id fir-raba`. Skola ftit kienet taf. Ommu kienet iddahhlet l-isptar fejn ghamlet zmien twil fl-ITU u wara f`Zammit Clapp. Meta harget mill-isptar, l-ahwa kienu ftehmu biex izommuha xahar kull wiehed fid-djar taghhom u l-ispejjez li jkun hemm jithallsu bil-pensjoni taghha. Qal li wara sena huwa ma setax jibqa` jzomm lil ommu.  Ohtu Mary Grace accettat li zzomm lill-ommhom minfloku. Meta ommhom kien ikollha xi appuntament l-isptar minkejja li kienet tkun ix-xahar mieghu, kienet ohtu li kienet tmur maghha.

Spjega li wara xi sentejn, ohtu u r-ragel taghha mardu u ma felhux izommu lil ommu ghal tlett xhur shah. Saret laqgha bejniethom l-ahwa u ddecidew li ghax-xahar tieghu u ta` David, izommu lil ommu gewwa d-dar taghha. Ohtha Katerin li ghandha d-dar taghha tmiss mad-dar ta` ommu offriet li ghall-ikel tiehu hsieb hi u kienet tmuri ghand ommu biex izzommilha kumpannija. Huh Joe kien imur ighinha filwaqt li Mary Grace kienet tghaddi fejn ommha wkoll wara li tehles mix-xoghol.

Gara li mbaghad ommu kien imissha mid-dar taghha tmur ghand ohtu u din ma riditx tohrog mid-dar. Kien mar ikellimha l-Arcipriet u ommu kkoperat izda meta regghet ghamlet xahrejn go darha, hija baqghet trid toqghod id-dar taghha. Il-konvenut irnexxielu johrog lil ommu minn darha izda minflok hadha ghand ohtu kif kien imiss, huwa hadha d-dar tieghu u zammha hemm. Qal li l-konvenut kien cempel u qallu li huwa kien ser izomm lil omm u li kien sar prokuratur taghha.

Kompla jghid li wara ghaxar xhur, f`Dicembru 2010, il-konvenut dahhal lil ommu go dar ta` l-anzjani minghajr ma kkonsulta ma hadd.  Meta mar izur lil ommu, hija kienet inkwetata hafna ghax bdiet tghid li l-konvenut kien hadha ghand nutar u gerfxilha fit-testment li ghamlet ma` missierhom. Hija bdiet titlob li tkellem lin-nutar.

Stqarr illi dwar il-flus ta` ommu, kienu marru l-bank u sabu li ml-konvenut kien gibed EUR 13,000 mill-kont ta` ommu u hallielha EUR 33 biss. Qal li ommu qatt ma tat permess lill-konvenut biex jigbdilha l-flus. Minn xi ricerki li ghamlu, sabu li kienu saru zewg kuntratti ta` donazzjoni li permezz taghhom l-konvenut ha kollox hu. Kemm ommu kif ukoll Katarin dejjem innegaw li qatt kellhom xi hsieb li jaghtu l-proprjeta` kollha immobbli taghhom, inkluz ir-residenza taghhom stess, lill-konvenut. Ommu ma kenitx xi tfisser il-kelma "donazzjoni".

Fisser li ommu tbati mis-smigh u fil-fatt ghandha *hearing aid*. Fiz-zmien meta l-konvenut ha lil ommu ghandu u sar il-kuntratt ta` donazzjoni, din il-*hearing aid* baqghet ghand ohtu Mary Grace ghax il-konvenut baqa` qatt ma mar jigborha.

Fil-**kontroezami** xehed illi s-sahha ta` ommu kienet ilha sejra lura u l-memorja taghha bdiet sejra lura, ghalkemm ma kienx jaf ezattament meta bdiet sejra lura.

Xehed illi bejn ommu u ohtu ma kienx hemm problemi. Anke meta ommu kienet tkun ghandu, ohtu kienet tmur tahsel lil ommu. Lanqas ma kien hemm glied bejn ommu u r-ragel ta` ohtu. Spjega li meta sar jaf li huwa ma kienx baqa` prokuratur ghaliex minfloku kien sari l-konvenut, huwa ma kellimx lil ommu dwar dan.

**Elizabeth Scicluna** xehdet illi huha Richard Catania u martu Mary Grace kienu ilhom zmien twil jiehdu hsieb lil Josephine Camilleri specjalment fis-sahha taghha. Ghall-ahhar tmien snin, Richard u Mary Grace kienu jzommu lil Josephine Camilleri fid-dar taghhom ghal perijodi twal.

Qalet li qatt ma taf li kien hemm inkwiet bejn Josephine Camilleri u bintha Mary Grace u r-ragel taghha. Dejjem kellhom relazzjoni tajba hafna. Mary Grace u Richard jiehdu hsieb lil omm Mary Grace b`imhabba u Josephine dejjem kienet turi li tapprezza li jaghmlu maghha u li hi kuntenta maghhom.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi qatt ma tkellmet ma` Giuseppa Camilleri dwar il-fatti ta` dan il-kaz. Hija kienet tkellem lil Giuseppa Camilleri meta kienet gieli tkun ghandha flimkien ma` Richard u l-mara tieghu. Hija taf li huha u martu kienu ghamlu zmien mardu u kellhom xi kumplikazzjonijiet.

**Joseph Camilleri** – iben l-attrici – u martu **Mary Camilleri** – kif ukoll **David Camilleri** – iben iehor tal-attrici - ikkonfermaw id-deposizzjoni ta` xhieda precedenti.

## III. L-ewwel u t-tieni talbiet

### 1. Dritt u gurisprudenza

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-10 ta` Marzu 1997 fil-kawza "**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" (Kollez.Vol.LXXXI.iii.44) kien inghad hekk :-

> *"il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita."*

Skont l-**Art 974 tal-Kap 16**, ma jkunx jiswa dak il-kunsens li jkun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz.

Skont l-**Art 981(1) tal-Kap 16**, l-eghmil doluz huwa motiv ta` nullita` ta` ftehim, meta l-inganni li jkunu saru minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkontratta.

Sabiex tirnexxi azzjoni dwar qerq, jehtieg li jigi ppruvat li jkun gie ezercitat eghmil ta` tali natura li jqarraq anke persuna li tkun hadet il-pariri taghha u mxiet b`kawtela.

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Dicembru 1919 fil-kawza "**Galea vs Zammit**", inghad illi l-principji ewlenin sabiex jirrizulta dolo fi kwistjonijiet ta` natura civili huma :-

> *(1) il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche` e` principio di ordine pubblico; siffatto considerazjoni impone che nelle cause d` impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche` non si*

*abbia ad annulare un` atto che dovrebbe rimanere in vigore ;*

*(2) i principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo onoroso ;*

*(3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato e` stato l` effetto di raggiri usati dall` altra parte o da terzi.*

Sabiex kuntratt ikun ivvizzjat b`qerq jehtieg li mhux biss issir il-prova tal-qerq izda ghandu jirrizulta wkoll dan kien determinanti ghall-volonta` tal-parti mqarrqa (*dolus dans locum contractui*).

Fis-sentenza "**Galea vs Bonnici**" riportata fil-Kollez. Vol X pag 592 kien osservat illi : *"I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l`altra parte non avrebbe contratto."*

Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Marzu 1958 fil-kawza **"Cassar Torreggiani vs Manche**" (Kollez Vol XLIIA.i.126) il-Qorti tal-Appell irrimarkat illi l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li tkun tat lok ghall-ftehim li ghaqqad in-negozju. Fl-istess waqt l-ingann irid ikun tali li jista` jaghmel impressjoni fuq bniedem sensat, u jkun jeccedi l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju. Ghalhekk wiehed ma jistax jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet. Fil-qies tal-ingann, huwa mehtieg li wiehed jara c-cirkostanzi kollha li fihom ikun gie konkjuz in-negozju. Mill-banda l-ohra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frodi, is-semplici tifhir tal-oggett u l-esagerazzjoni tal-valur intinseku tieghu, wehedhom, ordinarjament mhumiex hlief is-solita xorta ta` inkoraggiment li fin-negozju huwa tollerat bhala "*dolus bonus*", biex dak li jkun jkompli jsahhah il-volonta` tal-parti l-ohra biex tikkonkludi l-ftehim.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 1965 fil-kawza "**Mifsud noe vs Tanti**" din il-Qorti rrilevat illi sabiex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, kif ukoll illi kieku ma kienx ghal dak il-qerq, ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni.

Fis-sentenza li nghatat fil-kawza "**Dimech vs Zimmermann Barbaro et**" tas-7 ta` Dicembru 1935 (Kollez Vol XXIX.ii.832) il-Qorti tal-Appell Kummercjali sostniet illi mhux kwalunkwe ngann ta` kontrajent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi bhala mottiv ghall-annullabilita` ta` kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta` dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-dolo jgib l-izball u dana jrid ikun invincibbli. (ara wkoll "**Farrugia Gay vs Farrugia Gay**" – 3 ta` Mejju 1921).

Tajjeb jinghad illi a tenur tal-**Art 981(2) tal-Kap 16**, id-dolo jew frodi ma jista` qatt ikun prezunt izda jrid jigi ppruvat minn min jallegah. Trid issir il-prova li parti tkun xjentement uzat raggiri frawdolenti u artifizji gravi.

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Zammit noe et vs Fenech et**" kien rilevat illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel zejjed mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex inkella xilja ta` qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq.

Fis-sentenza tas-16 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Piscopo vs Filletti**" kien inghad illi :-

> *"Naturalment kif jghid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla"; Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta` kontraent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi ; … Ma jistax jigi allegat frodi meta l-fatti kienu facilment accertabbli; ikun tassew facli kieku kellu jigi acettat illi bl-iskuza ta` l-allegata mala fede da parti ta` wiehed mill-kontraenti, l-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz.".*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kummercjali fit-13 ta` Frar 1946 fil-kawza "**Sciberras vs Zimmermann Barbaro**" (Kollez Vol XXXII.ii.223) saru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

*"Illi, kif josserva l-Baudry, l-annullabilita` ta` kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa` fih il-kontraent li jaghmel l-istanza ta` l-annullament minhabba l-ghemil doluz ta` l-iehor; imma b`din id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se` indipendentement mill-ghemil doluz, hemm bzonn li jaqa` fuq is-sustanza talhaga, invece l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa` fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Dto.Civ. Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem `...... il dolo e` sufficiente anche quando l`errore che dal medesimo risulta non e` sostanziale`.*

*"Illi kif josserva l-Laurent (loc.cit.para 524) `ogni vizio del consensio e` individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l`influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull`animo di lui ...*

*...`.L-istess ighid il-Planiol "Dol civil et dol criminal" no.37, pag.571, u l-Baudry, loc. cit. para.103, bil-kliem:- `Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla`.*

*Illi r-ricerka jekk l-ghemil doluz kienx kif ghall-finijiet ta` din l-azzjoni hemm bzonn li jkun, jigifieri determinanti, hija wahda ta` fatt, li ghandha tigi meqjusa fic-cirkustanzi partikolari ta` kull kaz. Id-distinzjoni antika bejn ghemil doluz `causam dans contractui` u ghemil doluz `incidens in contractum` hija ormai skartata in vista tal-lokazzjoni tal-ligi. Il-Laurent jikkritikaha (loc.cit.para. 523, pg 464). Ir-Ricci hu ferm car fuq dan il-punt, u fil-komment tieghu ghall-artikolu korrispondenti tal-Kodici Taljan, li hu identiku ghal dak Malti, jghid hekk :-*

*`Perche` il dolo produca la nullita` del contratto deve esere tale che senza di esso non avrebbe avuto luogo il contratto. Questo criterio, adottato dal*

*nostro legislatore ha bandito dal diritto patrio le sottili distinzioni che la scuola faceva tra dolo positivo e negativo, tra dolo principale e incidente. Al giudice chiamato ad applicare l`articolo 1115 poco deve interessare se il dolo siasi posto in essere con atti positivio negativi, se esso abbia avuto luogo prima di iniziare le trattative del contratto durante il corso delle medesime, o se l`inganno sia caduto su cio` che e` principale, ovvero su quello che e` accessorio; una sola indagine esso e` chiamato a fare, e questa consiste nel vedere se, ove dolo non vi fosse stato, la parte ingannata avrebbe oppur no conchiuso il contratto …`*

(ara wkoll : 14 ta` Ottubru 2004 : PA : **"Transcontinental Properties Limited vs European School of English Limited**" ; 28 ta` Lulju 2004 : PA : "**Portelli vs Felice**" ; u 20 ta` Marzu 2003 : PA : "**Aquilina vs Ellul**").

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fil-11 ta` Frar 2015 fil-kawza "**A&A Properties Limited vs Dalmas et**" kien imfisser x`jammonta ghal dolo u ghal mala fede sabiex ikun hemm vizzju tal-kunsens :-

*"[…] id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta` wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta` qerq (raggiri) biex tiddevija r-rieda tal-iehor billi tipprovoka zball (`errore`). Infatti, ikkunsidrat min-naha tad-deceptor, id-dolo hu raggir waqt li, kkunsidrat minnaha tad-deceptus, hu zball. Il-ligi, li diga` tikkontempla l-izball bhala vizzju tal-kunsens ghar-rasu, thares f`dan il-kaz aktar il-boghod lejn il-kawza tieghu u twassal ghall-annullament tal-kuntratt anki meta l-izball ma jkunx guridikament sufficjenti biex wahdu igib ghan-nullita`" (**Reverendu Don Francesco Zammit et vs Avukat Dr Anthony Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Marzu 1967).*

*Issir ukoll referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-9 ta` Lulju 2008 fil-kawza **"Gatt et vs Portelli"** fejn inghad hekk :-*

*"il-bwona fede, oggettivament konsiderata, tenukleja l-kriterju ta` valutazzjoni ta` mgieba*

*determinata u, aktar minn hekk, isservi ta` strument ta` kontroll tar-ragonevolezza, o meno, talpretensjoni. F`sens wiesgha, kif anke dimostrat minn certi disposizzjonijiet fil-Kodici Civili taghna (ara, ad ezempju, Artikolu 993), ir-rilevanza taghha hi dik tas-solidarjeta` socjali li timponi fuq kull parti f`rapport kontrattwali d-dmir li jagixxi b`mod li jippreserva l-interessi tal-kontraenti l-iehor ….*

*"Il-`bwona fede` ma ghandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, ghandha, f`sens oggettiv, tkun intiza bhala regola komportamentali ta` ragonevolezza u, fuq kollox, ta` lealta u ta` korrettezza. B`mod generali tikkostitwixxi principju etiku guridiku fl-ezercizzju tad-drittijiet. Hekk kif ezemplarment espress fl-Artikolu 2 tal- Kodici Civili Svizzeru, "kull wiehed fl-ezercizzju tad-drittijiet proprji u fl-adempiment ta` l-obbligazzjonijiet tieghu ghandu jgib ruhu bil-bwona fede".*

*Espress f`dawn it-termini l-principju tal-bwona fede jimponi limitu fl-ezercizzju tad-drittijiet. Dan kemm ghaliex ghallpretendent tad-dritt f`rapport ma` haddiehor il-bwona fede tirraprezenta l-metru ta` mgieba, kif ukoll hi kejl siewi ta` valutazzjoni mill-gudikant."*

Fejn si tratta ta` **zball**, il-qrati taghna dejjem kienu cari fis-sens illi sabiex zball ta` fatt jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt, irid jirrizulta li jikkonsisti fi zball sostanzjali.

**L-Art. 975 tal-Kap.16** jittratta l-izball dwar il-ligi – "*L-izball dwar il-ligi ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta dan ikun il-kawza wahdenija jew ewlenija tieghu.*"

**L-Art. 976 tal-Kap.16** jittratta mbaghad l-izball dwar il-fatt –

*(1) L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullità tal-kuntratt hlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.*

*(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa` biss fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim,*

*hlief meta l-ghazla ta` dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta` dak il-ftehim."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta` Mejju 2001 fil-kawza "**Aquilina et vs Farrugia noe**" inghad hekk :-

*"Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta` fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa` fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16)...Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta` fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza tat-30 ta` Marzu 1936 fl-ismijiet* ***Alessandro Portanier vs Paolo Dalli*** *irriteniet li `errore di fatti` ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni ` se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l-oggetto`.*

*In sostenn ta` dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: `Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L` errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L` errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l`intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il case di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano; l` errore sara` sostanziale`. (****Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et*** *10 ta` Marzu 1997, A.J. M. Vol LXXXI.III.44).*

*Illi a bazi ta` tali principji ma rrizultax lanqas li l-kunsens ta` l-atturi kien moghti bi zball ghaliex l-atturi kienu jafu x`inhu jsir, anke jekk sostnew il-kuntrarju, ghaliex forsi huma hekk kien jaqblilhom jghidu."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**" inghad hekk :-

> *"Illi infatti, fis-sentenza* ***Sacerdot C. Caruana et vs M. Bugeja*** *(A.C. 5 ta` April 1922 – Vol XXVI.ii.81) illi ` per invalidare una transazione per errore sull` oggetto, pertanto, l` errore deve aver avuto tanto peso subiettivo sull` animo del contraente, da rendere certo che questi, in difetto di quell` errore, non sarebbe intervenuto…`*
>
> *Illi mbaghad fis-sentenza* ***Onorato Pisani vs Negte Joseph Mamo noe*** *(A.K. 7 ta` Novembru 1933 – Vol XXVIII.i.1218) intqal li `…l`errore, per essere causa di vizio del consenso, deve essere scusabile. La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e` quella secondo cui l` errore non puo` addiursi quando e` l` effetto d grande negligenza, per cui I; contraente avrebbe potuto accorgersi dell` errore anche con lieve diligenza, perche` in tale caso e` da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnun sentire. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di Sua Maesta`, il di` 28 Marzo 1909. in re* ***Axisa vs Aquilina*** *(Collez. Vol. XVII.i.108) ritenne che: un dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si puo` impugnare per causa d` ignoranza o di errore, quando colui che la impugna non poteva, nel momento di tale dichiarazione, trovarsi in stato di tale ignoranza od errore.`*
>
> *Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza* ***M.G. Philips vs R. Storace et*** *(A.K. 14 ta` Frar 1941 – Vol. XXXIA.i.12), kif ukoll* ***C. Zarb et vs G. Xuereb*** *(A.K. 13 ta` Ottubru 1998 – Vol. LXXXII.ii.1027) fejn intqal illi:-*
>
> *`Zball ta` fatt jipproduci n-nullita` tal-konvenzjoni meta jaqa` fuq is-sostanza tal-haga li tifforma l-oggett tal-konvenzjoni hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma ` sustanza` ghandha tittiehed bhala sinonimu ta` kwalita` sostanzjali u li din il-kwalita` tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet (Vol. XXXII.ii.157)`"*

Il-Qorti kkkonkludiet illi l-attur ma kienx fi zball meta ffirma l-kuntratt stante li kien jaf tajjeb x`kien qed jaghmel tant li fil-kuntratt ha hsieb l-interessi tieghu wkoll.

Decizjoni ohra hija dik li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Zammit noe vs Fenech et**" fejn inghad illi zball dwar is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u skuzabbli. Ma jistax ikun hemm zball sostanzjali u skuzabbli meta l-fatti li ghalihom jirreferi dak l-izball kienu facilment accertabbli :

> *"Ghar-rigward ta` l-allegat zball ta` fatt, l-artikolu 976 (1) talKodici Civili jiddisponi li `L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa` fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.` Skond il-gursiprudenza, l-izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli (ara s-sentenza klassika fuq il-materja `**Cutajar vs. Petroni**` deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-15 ta` Lulju 1969). L-element ta` skuzabilita` jinsab affermat f`diversi sentenzai ta` dawn il-Qrati. Hekk, fil-kawza `**Mifsud vs Bonnici**` deciza minn din il-Qorti fl-4 ta` Gunju 1910. intqal li, `E` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezion ne` difesa.` Fil-kawza **Pisani vs Mamo** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fis-7 ta` Novembru 1933, intqal li, `La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e` quella secondo qui l` errore non puo` addursi quando e` effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgesi dell` errore anche con lieve diligenza, perche` in tal caso e` da applicarse la massima qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire.` Aktar ricenti, din il-Qorti fil-kawza **Piscopo vs Filletti** deciza fis-16 ta` Gunju 2003, osservat li l-izball ta` fatt irid ikun sostanzjali u skuzabbli, `Ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa` fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli.`"*

Hemm il-konvenut kien analfabeta, u allega li ma kienx jaf x`kien qed jiffirma. Il-Qorti ma accettatx l-istqarrija bhala valida biex thassar il-kuntratt billi rrizultaw xhieda li kkonfermaw li kien imfisser lill-konvenut dak li kien qed jiffirma.

## 2. <u>Mertu</u>

### a) <u>Qerq</u>

Skont l-attrici, hija giet ingannata minn binha l-konvenut illi geghlha tahseb illi kellha bzonn taghmel testment meta fil-fatt sar kuntratt ta` donazzjoni u testment, liema testment sar biss bl-iskuza sabiex l-attrici tiffirma l-kuntratt ta` donazzjoni favur il-konvenut.

Da parti taghhom, il-konvenuti kkontestaw il-pretensjoni tal-attrici billi sostnew illi l-kuntratt sar fuq insistenza ta` l-attrici. Skont il-konvenuti, l-attrici biddlet fehemtha dwar dak li kienet ghamlet, minhabba pressjoni zejda minn hut il-konvenut, kif ukoll mir-ragel ta` oht il-konvenut, Richard Catania, bil-konsegwenza li l-attrici bezghet minnhom u bdiet issostni li l-konvenut serqilha kollox.

Sabiex tasal ghal decizjoni dwar jekk il-kunsens ta` l-attrici kienx vizzjat b`qerq, il-Qorti qieset l-assjem tal-provi u sejra tissenjala l-aspetti l-aktar saljenti :-

### i) <u>Il-qaghda tal-attrici fiz-zmien li saret id-donazzjoni</u>

Irrizulta li l-attrici hija mara anzjana, semplici u bla skola.

Irrizulta li l-attrici ghandha problemi ta` smigh (fol 62) u ma kinitx liebsa *hearing aid* meta sar il-kuntratt ta` donazzjoni.

L-attrici kienet saret dipendenti fuq uliedha ghall-bzonnijiet taghha ta` kuljum u kienet tafdahom b`kulma jkollha bzonn.

Fiz-zmien immedjat qabel u wara l-kuntratt ta` donazzjoni, hija kienet qed tghix b`mod kontinwu fid-dar tal-konvenuti u uhud mill-ulied taghha kienu jmorru jzuruha rarament.

Ghalhekk fiz-zmien in kwistjoni, l-attrici kienet dipendenti hafna fuq il-konvenut.

**ii)** **<u>Ix-xiehda tal-attrici</u>**

L-attrici xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti.

Il-Qorti setghet tqis l-istat ta` sahha u l-kondizzjoni li kienet tinsab fiha dak iz-zmien.

L-attrici nsistiet li ma kinitx taf li qeghda taghmel kuntratt ta` donazzjoni u li l-konvenut serqilha kulma kellha.

Fi kliemha hija spjegat li l-konvenut hadha biex *naghmlu kelmtejn, u l-kelmtejn ma nafx x`inhuma.*

Skont l-attrici, hija hasbet li kienet ser taghmel testment.

Tant hu hekk li waqt li kienet ghand in-nutar, kulma staqsiet kien jekk it-testment li ghamlet ma` zewgha kienx ser jibqa` tajjeb, u hija nghatat risposta fl-affermattiv biex b`hekk serrhet mohhha u abbazi ta` hekk iffirmat il-karti li poggew quddiemha.

Il-Qorti hadet nota tal-fatt li met asaret il-kawza, l-attrici kellha 88 sena, kienet persuna li qatt ma kienet dahlet il-qorti, u li kienet kostrett taghmel dan il-pass estrem kontra wiehed minn uliedha stess ghax sfat imqarrqa u ndotta fi zball bil-konsegwenza li spiccat bla gid ta` xejn.

**iii)** **<u>Fatti li pprecedew il-kuntratt</u>**

Jirrizulta li l-attrici kienet timxi l-istess mal-hames uliedha.

Meta saret il-qasma ta` xi raba` fil-21 ta` Settembru 2007 (fol 955 sa fol 992), kull wiehed mill-ulied ta` l-attrici ha l-istess. Il-qasma saret minghajr ghawg tant li nghata l-ghazla l-ewwel minnhom li kien qed jahdem ir-raba` partikolari li kien ser jinqasam.

Dwar il-kura ta` l-attrici mill-ulied, kien intlahaq ftehim bejniethom dwar kif kellhom jiehdu hsieb tal-attrici flimkien. Ghall-bidu, dak li qablu dwaru twettaq. Gara pero` illi minhabba diffikultajiet li sabu ruhhom fihom tnejn mill-ulied, ma setghux ikomplu jiehdu hsieb lill-attrici u l-piz kellu jinqasam bejn it-tlieta l-ohra, bl-akbar oneru jkun fuq Mary Grace Catania. Gara li ghall-attrici kien aktar komdu toqghod go darha u ghalhekk ma marritx ghand bintha Mary Grace Catania. Kien biss wara l-intervent ta` l-Arcipriet ta` Haz-Zebbug li l-attrici accettat li tohrog minn darha u terga` tmur ghand l-ulied li accettaw li jiehdu hsieb taghha. Gara pero` illi wara li l-omm minghand Mary Grace Catania marret ghand il-konvenut, dan zammha ghandu.

Jirrizulta li l-konvenut avza lil hutu li ommu kienet ghamlitu prokuratur wahdu taghha, dan meta sa mill-1998, il-prokuraturi ta` l-attrici kienu dejjem tnejn ohra minn uliedha u cioe` Albert Camilleri u Mary Grace Catania. Kienu tnejn sabiex ikun hemm iktar kontroll. Ma jirrizultax li l-operat taghhom qatt kien soggett ghal kritika jew xort`ohra. Dan premess jirrizulta li ftit jiem biss wara li l-konvenut ha lill-ommu tghix mieghu, huwa sar wahdu bhala prokuratur taghha, in sostituzzjoni taz-zewg hutu l-ohra, u b`hekk bhala fatt kiseb kontroll esklussiv fuq il-beni ta` ommu. Dan il-pass xejn ma kien konsistenti mal-imgieba precedenti tal-attrici li dejjem ittrattat mal-hames uliedha l-istess u dejjem riedet taqsam gidha bejniethom il-hamsa ndaqs.

## iv) Id-dokumenti preparati ghall-kuntratt

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-qerq tal-konvenut jirrizulta mill-fatt li l-konvenut witta t-triq sabiex meta jiehu lill-attrici ghand in-nutar kollox ikun jista` jsir fl-iqsar zmien possibbli u b`hekk jevita dawk l-ostakoli li setghu jzommu l-kuntratt milli jsir.

L-ewwel pass tieghu kien li martu tiehu hsieb dak li kien hemm bzonn ghall-qasma li saret fl-2007. Kienet hi li hadet l-inizjattiva u ghamlet il-giri kollu li kien hemm bzonn sabiex jithejjew il-pjanti u l-istimi tal-valur rispettivi tal-proprjetajiet li kellhom jinqasmu. Thallew barra mill-qasma propjetajiet ta` valur fuq il-pretest li ma kienx ghad hemm qbil dwarhom.

Fix-xiehda tieghu, Richard Catania jghid illi talab li jkun jaf ghalfejn dawn il-propjetajiet kienu ser jibqghu ndivizi izda jghid li baqa` bla risposta.

Il-konvenut ha hsieb li tkellem hu man-nutar qabel ma ha lill-attrici ghandha. Kien infurmat bid-dokumenti li kienu mehtiega, fosthom certifikat mediku u pjanta flimkien ma` stima tal-valur. Kien hu li ha hsieb ta` kollox sabiex imbaghad meta ha lil ommu fejn in-nutar, il-kuntratt ta` donazzjoni seta` jsir minghajr xkiel u malajr.

**v) <u>Ic-certifikat tal-Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino</u>**

Mal-kuntratt ta` donazzjoni kien prezentat certifikat mediku rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino.

Fic-certifikat (ara fol 15) jinghad hekk :-

*This is to certify that I have carried out a mental health examination of Mrs Josephine Camilleri … in order to assess her testamentary capacity … In particular she was able to explain the significance of doing a will … In my opinion Mrs Camilleri has full testamentary capacity.*

Fix-xiehda tieghu, Dr Vella Baldacchino qal *senza mezzi termini* illi hadd ma semmielu li kien ser isir kuntratt ta` donazzjoni. Kulma ssemma kien testment u kien ghalhekk li huwa nvista lill-attrici sabiex jaccerta ruhu kellhiex il-kapacita` taghmel testment. Sahaq li l-ezami li ghamel kien ristrett ghall-kapacita` tal-persuna li taghmel testment. Li kieku kien jaf li kienet ser taghmel kuntratt, il-vizta tieghu kienet tiehu xejra differenti.

Ghal din il-Qorti, il-fatt li Dr Vella Baldacchino ma kienx infurmat li kienet ser issir donazzjoni hija ndikazzjoni ta` habi li tammonta ghal qerq da parti tal-konvenut.

Huwa evidenti li l-konvenut ma riedx jghid lill-psikjatra x`kien ser isir bil-preciz peress li l-istess psikjatra kien ikun fid-dmir li jizvela lill-attrici x`tip ta` att notarili kien ser isir bil-konfort tac-certifikat li kien ser jirrilaxxja.

Ghall-Qorti huwa manifest il-fatt illi l-konvenut ried izomm mistur mill-psikjatra l-fatt li kienet se ssir donazzjoni. Ironikament ic-certifikat kien anness mal-att ta` donazzjoni.

Huwa minnu li sabiex isir kuntratt ta` donazzjoni, mhuwiex rikjest li jkun anness certifikat mediku dwar il-kapacita` tal-partijiet. Madanakollu l-fatt li kien anness certifikat mediku li kien biss isemmi li l-attrici kellha kapacita` li taghmel testment, maghdud max-xiehda ta` Dr Vella Baldacchino li cahad li ssemma quddiemu li ssemma li kien ser isir kuntratt ta` donazzjoni, huwa indikazzjoni ta` qerq perpetrat mill-konvenut.

**vi) <u>It-testment</u>**

Ghal din il-Qorti ma kienet kumbinazzjoni xejn illi d-donazzjoni u t-testment saru fl-istess jum u hin (ara fol 884 u 885)

L-assjem ta` cirkostanzi tal-kaz juri li l-istrategija tal-konvenut kienet illi jikkonvinci lill-ommu li kienet qeghda taghmel testment biss.

Dan jinghad iktar u iktar meta jitqies li ladarba sar il-kuntratt ta` donazzjoni, it-testment sar inutilment ghax dak kollu li kien ghad fadlilha l-attrici kien diga` b`donazzjoni lill-konvenut, hlief ghal sehem zghir mill-fond 10, Triq Mula, Haz-Zebbug, li ma kienx battal, u li allura ma kienx jinteressa lill-konvenut.

Il-konvenut jaghmel l-argument illi l-attrici tikkontradixxi lilha nnifisha meta tghid illi riedet tiktiblu xi haga ghaliex li kieku ma kinitx taccetta li tmur ghand in-nutar biex jaghmlu *kelmtejn.*

Madanakollu l-Qorti tibqa` moralment konvinta li l-hsieb li kien u baqa` jberren fil-mohh ta` l-attrici kien illi kien li taghmel testment b`mod u manjiera li dak li kienet ghamlet hi ma` zewgha jibqa` validu u vinkolanti. Dan ghaliex l-attrici baqghet konsistenti fil-fehma li l-hames uliedha jiehdu gidha l-istess u ndaqs bejniethom.

**vii) <u>Il-kuntratt ta` donazzjoni</u>**

Fil-kuntratt esebit a fol 8 sa 14, jinghad li d-donazzjoni kienet irrevokabbli peress li kienet qeghda tinghata lill-konvenut bhala kumpens, hlas, apprezzament u rikonoxximent tal-kuri u s-servigi li pprestalha. Il-konvenut kien ezentat mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni li altrimenti tista` tistipula l-ligi. Inghad ukoll li l-proprjeta` kienet qeghda tigi trasferita b`mod immedjat, liberu u frank.

Tajjeb jinghad illi fid-data tal-kuntratt, l-attrici kien ghad kellha l-affarijiet personali kollha taghha fil-post tar-residenza taghha, li kien parti mid-donazzjoni, kif ukoll fid-dar kienet ghadha tghix ohtha Caterina.

Din il-Qorti tqis kemmxejn insolitu u ghal kollox stramb illi persuna fi xjuhita, li kienet taf li sejra thalli warajha hamest ulied bil-familji taghhom, li lkoll kellhom relazzjoni fil-qrib maghha, tiddeciedi hatta bla habel li taghti b`donazzjoni, u allura b`att *inter vivos,* il-beni kollha taghha, inkluz id-dar ta` residenza taghha, minghajr ma mqar izzomm ghaliha u ghal ohtha d-dritt ta` uzu u abitazzjoni *vita durante.*

Fil-kors tal-kawza, il-konvenuti ppruvaw jiggustifikaw ir-raguni ghalfejn saret id-donazzjoni ghaliex allegaw illi l-erba` wlied l-ohra tal-attrici kienu ilhom *jisirqu* (kliem il-konvenuti) minn go dar l-attrici bil-konsegwenza li l-attrici kienet ferm inkwetata li l-konvenut kien ser jibqa` b`xejn ; ghalhekk ighidu li tathom struzzjonijiet biex jiehdu kull ma kien fadlilha halli huma jkunu hadu wkoll.

Il-Qorti tosserva illi, minkejja li r-risposta guramentata taghhom kienet dettaljata, il-konvenuti ma semmew xejn dwar dan.

Il-konvenut isostni li huwa qatt ma ried xejn minghand ommu u li l-kuntratt ta` donazzjoni sar minhabba l-insistenza u l-persistenza ta` ommu.

Madanakollu fix-xiehda taghha, Ilona Camilleri, bint il-konvenuti, stqarret illi kienet tqatta` granet shah ma` nannitha waqt li kienet qed taghmel it-tezi taghha, u cio` nonostante qatt ma semghet lil nannitha tghid li riedet thalli kollox lil missierha.

Il-Qorti tirrimarka illi tant kollox sar b`mod mistur mill-konvenut li lanqas lil bintu stess li xehdet ma kien informa li ser isir il-kuntratt ta` donazzjoni.

## viii) L-imgieba tal-attrici fis-Sa Maison Home

Irrizulta li wara li sar il-kuntratt ta` donazzjoni u t-testment, il-konvenuti hadu lill-attrici go Sa Maison Home bla ma qalu lil hadd. Dan kien Dicembru 2010.

Kemm damet hemm sa Lulju 2011, l-ulied l-ohra tal-attrici li xehdu lkoll ikkonfermaw li l-attrici ma kienet kuntenta xejn fil-*home* anzi kellha ansjeta` kbira u kienet inkwetata li l-konvenut kien hawwdilha xi haga fit-testment.

Huwa ta` rilevanza l-fatt illi meta kienet ghadha l-*home* l-ulied l-ohra fuq struzzjonijiet ta` l-attrici gabu lin-Nutar Mariella Mizzi li ghamlet testment iehor (Dok RC1 a fol 761 sa 762). B`hekk l-attrici serrhet mohhha li jekk kien sar xi testment differenti u kuntrarju ghal dak li kienet ghamlet ma` zewgha, bl-ahhar testment tkun irrettifikat dak li sar.

Il-mosajk ta` fatti u cirkostanzi juri fuq bazi ta` probabilita` li l-attrici ma kenitx konxja li kienet saret donazzjoni u li ghaliha kull ma sar kien biss testment.

## ix) Is-sejba tal-kuntratt

Prova ohra tal-qerq adoperat fil-konfront ta` l-attrici u l-*mala fede* li biha agixxa l-konvenut hija l-mod kif il-kuntratt ta` donazzjoni nzamm mohbi kemm fil-konfront tal-attrici u kif ukoll fil-konfront ta` l-ahwa l-ohra.

Ix-xhieda prodotti mill-atturi lkoll sostnew li huma saru jafu b`dak li sehh wara li ssuspettaw agir frawdolenti da parti tal-konvenut wara l-mewt ta` Elizabetta Pace, oht l-attrici u jidher li kienet tbati minn *dementia.* Irrizulta li waqt li kienet rikoverata f`dar ta` l-anzjani ghamlet testment fejn halliet kollox lill-konvenut.

Kien dan il-fatt li ta spunt lill-attrici biex taghmel verifiki mal-banek fejn sabet li d-depoziti taghha kienu gew zbankati. Saret ukoll ricerka pubblika li minnha rrizulta li sar il-kuntratt ta` donazzjoni.

Il-Qorti hija moralment konvinta fuq bazi ta` probabilita` illi l-konvenut ha vantagg mill-attrici biex ghamel gwadann ghalih u ghal martu. Bl-agir tieghu, il-konvenut qarraq bl-attrici u kkonvinciha tmur ghand in-nutar bl-iskuza li ser isir testment meta fil-fatt apparti testment, iffirmat ukoll kuntratt ta` donazzjoni favur tieghu.

**b) <u>Zball</u>**

Ladarba rrizulta ppruvat mill-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-attrici ma kinitx taf li qed taghti lill-konvenut b`donazzjoni rrevokabbli ta` l-beni taghha, il-kunsens ta` l-attrici huwa wkoll vizzjat bi zball.

Fil-fehma ta` l-Qorti, irrizulta li l-attrici ma kellhiex l-intenzjoni li taghti donazzjoni tal-proprjetajiet immobbli taghha. Hija kienet minghaliha li sejra taghmel testment u li kieku l-attrici kienet taf b`dak li kien ser isir, ma kinitx taghmel dak il-kuntratt. L-attrici dejjem riedet u xtaqet li taqsam gidha b`mod ugwali bejn uliedha kollha. Dak il-hsieb kien dejjem iberren f`mohhha u ghalhekk il-kunsens taghha kien vizzjat bi zball sostanzjali peress li hija kienet minghaliha li qed taghmel testment biss, u mhux testment u kuntratt ta` donazzjoni.

**Il-Qorti tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet.**

**IV. <u>It-tielet talba</u>**

L-attrici tikkontendi li kull ma sar kien bi ksur ta` l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55).

Il-Qorti tghid illi ma taqbilx ma` l-argument tal-konvenuti fis-sens li dik il-pretensjoni hija diretta kontra n-nutara li kienu nvoluti, u ladarba n-nutara koncernati mhux partijiet fil-kawza, il-pretensjoni ghandha tkun respinta.

Tajjeb ghamlet l-attrici li mexxiet bl-azzjoni kontra l-konvenuti.

Kien hemm istanzi ohra fejn il-qrati kienu mitluba jaghmlu ezami ta` att notarili sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-Art 40 tal-Kap 55, izda n-nutar qatt ma kien parti fil-kawza.

Fost ohrajn il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fis-6 ta` Frar, 2015 fil-kawza fl-ismijiet '**George Borg et vs Bartholomeo Bonett et**' u s-sentenza li tat din il-Qorti diversament fit-8 ta` April 2013 fil-kawza '**Leonard Abela et vs Saverin Sinagra et**'.

Dan premess, tajjeb jinghad illi skont l-**Art 40(1) tal-Kap 55**, diversi huma c-cirkostanzi fejn att notarili huwa null inkluz jekk ma jigux imharsa l-htigijiet ta` l-**Art 25(5) tal-Kap 55**.

L-**Art 25(5) tal-Kap 55** ighid li huwa d-dmir ta` nutar li jara x`inhi l-volonta` tal-komparenti, li jaqralhom u jfissrilhom l-att, u jara jekk il-kontenut tal-att huwiex skont il-volonta` taghhom.

L-**Art 40(2)(e) tal-Kap 55** ikompli jghid li att notarili huwa annullabbli jekk in-nutar ma jkunx spjega l-att lill-partijiet.

L-attrici qeghda tghid illi l-att ma kienx imfisser lilha u ma kienx assigurat li kienet tabilhaqq il-volonta` taghha li tersaq ghall-att ta` donazzjoni li bih taghti l-proprjeta` immobbli taghha lill-konvenut. L-attrici kienet minghaliha li qeghda ghand in-nutar biex taghmel testment.

Il-Qorti tistqarr illi hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza.

Ghalkemm ghal sitwazzjoni ta` din ix-xorta jghodd il-principju *omnia praesumuntur rite esse acta* bl-oneru fuq spallejna l-attrici, jibqa` l-fatt li fid-deposizzjoni taz-zewg nutara koncernati, issib kontradizzjonijiet ma` dak mistqarr mill-attrici u mill-konvenut innifsu.

Issib illi n-Nutar Galea jghid illi huwa kien ha hsieb il-kuntratt ta` donazzjoni u t-testment b`mod esklussiv u li jista` jkun li n-Nutar Mizzi tkellmet ma` l-attrici fil-kuritur waqt li kienet qed tistenna. Din il-verzjoni tal-fatti hija kkorraborata min-Nutar Mizzi li xehdet li hija ma kinitx involuta fl-atti notarili in kwistjoni, minkejja li kienet hi n-nutar li solitament kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja Camilleri.

Din ix-xiehda pero` hija kontradetta mill-attrici u mill-konvenut.

Infatti l-attrici xehdet illi hija tkellmet man-Nutar Mizzi (li rreferiet ghaliha bhala *n-nutara l-hoxna*) dwar il-fatt li t-testment ta` zewgha u taghha jibqa` validu. L-attrici lanqas biss tiftakar lin-Nutar Galea. Min-naha tieghu, il-konvenut ukoll sostna li n-Nutar Mizzi kienet involuta u saret diskussjoni maghha ; imbaghad hadithom hdejn in-Nutar Galea sabiex ikompli hu bl-att. Tant kienet involuta in-Nutar Mizzi, li hija stess kienet wahda mix-xiehda fuq it-testment ta` l-attrici, li sar dakinhar stess li sar il-kuntratt ta` donazzjoni.

Nutar huwa ufficjal pubbliku u ghalhekk mhux suppost ghandu klijenti kif ikollu avukat. Huwa persuna illi mill-istess funzjoni tieghu huwa *supra partes.* Il-buon sens jiddetta illi kuntratt ta` donazzjoni, imbaghad dak mertu tal-kawza tal-lum, ghandu jinqara u fuq kollox ghandu jkun imfisser min-nutar.

Il-Qorti diga` esprimiet ruhha dwar il-mod kif l-attrici kienet indotta li ggarrab qerq u zball.

Dan premess, kagun tal-qerq adoperat u l-izball li kienet indotta fih, l-attrici ma fehmitx li kien qed isir kuntratt ta` donazzjoni flimkien ma` testment.

Tirriafferma l-fehma taghha espressa aktar kmieni illi l-att ta` donazzjoni kien diga` lest u mfassal fuq struzzjonijiet tal-konvenut moghtija minn qabel lin-nutar.

Il-Qorti tasal ghall-konvinciment, fuq livell ta` probabilità, li l-attrici ghelbet l-oneru tal-prova.

Tghid illi l-pubblikazzjoni ta` l-att sar bil-ghagla minflok b`kawtela u bi prudenza, tenut kont illi l-attrici kienet persuna anzjana u nieqsa mis-smigh, u allura persuna vulnerabbli.

Tinnota illi xhin in-Nutar Galea kien mistoqsi jekk kienx spjega lill-attrici li d-donazzjoni kienet ser issir bil-pussess battal u dwar il-kwistjonijiet

li jistghu jinholqu minhabba l-ulied l-ohra u l-porzjon riservat, huwa rrisponda li kien jispetta ghall-klijent li jwaqqfu u jistaqsi.

Tenut kont ta` n-natura ta` l-att li kien qed jigi ppubblikat, tenut kont tal-persuni li kienu l-kontraenti, tenut kont tal-isfond familjari tal-partijiet u ta` ohrajn li seta` kellhom interess f`dak li kien qed isir, il-Qorti tghid illi n-Nutar Galea, propju ghaliex huwa ufficjal pubbliku, kellu jesercita kawtela massima. Li jistenna li l-parti twaqqfu kienet leggerezza da parti tan-nutar.

**Il-Qorti qeghda tilqa` t-tielet talba.**

## V. <u>Ir-raba` u l-hames talbiet</u>

**Dawn iz-zewg talbiet huma konsegwenzjali ghat-tlieta precedenti. Billi l-ewwel tliet talbiet kienu milqugha, il-Qorti sejra tipprovdi favorevolment ghall-attrici fir-rigward tar-raba` u tal-hames talbiet kif se jinghad fil-parti decisorja ta` din is-sentenza.**

## VI. <u>Is-sitt u seba` talbiet</u>

L-attrici qeghda titlob rifuzjoni tas-somma ta` EUR 13,000 li zbanka l-konvenut fis-16 ta` Marzu 2010 mill-kont bankarju taghha bin-numru 044-076545-050 li kien miftuh ma` HSBC Bank Malta plc u li kien trasferit go kont tal-bank tal-konvenut. L-izbank u t-trasferiment sar bis-sahha ta` prokura generali li kellu l-konvenut (fol 717 sa 721) li kienet datata 8 ta` Marzu 2010.

Irrizulta li l-konvenut kien interpellat irodd din is-somma lill-attrici b`ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 u tal-4 ta` Awissu 2011.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet l-attrici fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha meta ghamlet referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Ottubru 2014 fil-kawza **<u>'Carmela Spiteri vs Yolanda Maria Vella'</u>** fejn inghad hekk :-

> *Il-mandatarju skond il-ligi irid jagixxi f`isem u fl-interess tal-mandant tieghu. Il-fatt li l-konvenuta agixxiet in virtu ta` prokura generali ma*

*jezonerahiex milli tagixxi f`isem u fl-interess tal-mandant u ma tistax teccedi jew tabbuza l-limiti tal-mandat taghha ai termini tal-artikolu 1864 tal-Kap. 16 billi l-azzjoni ta` zbank minnha kompjuta kienu saru f`isem l-attrici in virtu tal-prokura bhala fatt izda zgur fl-interess singolari tal-konvenuta billi ma ngiebet ebda prova li l-ammonti sostanzjali ta` flus zbankati fi zmien daqshekk qasir gew b`xi mod utilizzati mill-attrici jew f`isimha ghal skopijiet maghrufa mill-istess attrici. L-uzu personali mill-mandatarja tal-assi tal-mandant imur kontra l-principju fondamentali tal-mandat u jilledi l-obbligazzjoni fiducjarja bejn il-mandant u l-mandatarju li jrid jagixxi fit-termini tal-mandat in buona fede u fl-interess tal-mandant.*

*Ma jidhirx li hekk sar mill-mandatarju f`dan il-kaz billi ma ngiebet ebda prova mill-konvenuta li zbankat il-flus msemmija, illi dawn il-flus gew utilizzati ghal skopijiet moghtija minn jew maghrufa lil attrici, u anzi jidher li l-istess flus baqghu ghand il-konvenuta indebitament.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta illi xahar biss wara li l-konvenut ha lill-attrici tghix mieghu, huwa gibed l-ammont kollu li l-attrici kellha ddepozitat il-bank (fol 703 sa 706 u fol 716), minkejja li l-konvenut kellu ghad-disposizzjoni tieghu l-pensjoni ta` kull xahar ta` l-attrici ghall-bzonnijiet taghha.

Fir-risposti tieghu ghall-ittri ufficjali tal-attrici ghar-rifuzjoni ta` l-flus il-konvenut allega li dawk il-flus kienu nghataw lilu bhala hlas u kumpens ghal servigi rezi mill-konvenuti lejn l-attrici u kif ukoll bhala kumpens tal-ispejjez inkorsi mill-konvenuti ghall-beneficcju tal-attrici.

Fil-kors tax-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, il-konvenut biddel il-verzjoni u qal li ommu taghtu dawk il-flus ghaliex kienet tghidlu li hutu l-ohra abbandunawha u huwa kien qed jiehu pacenzja biha u li uliedu kellhom bzonn flus biex jistudjaw.

Imbaghad f`verzjoni ohra tieghu, il-konvenut sostna li ommu kienet qaltlu biex jiehu l-flus li hemm il-bank u jzommhom hu peress li hutu kienu diga` hadu meta *serqu* l-flus u deheb li kellha fid-dar taghha.

Din il-Qorti mhjiex konvinta li l-konvenut inghata struzzjonijiet mill-attrici biex imur jigbed il-flus kollha li kellha u jzommhom hu.

Dan tghidu partikolarment meta tqis li l-konvenut kellu ghad-disposizzjoni tieghu pensjoni ta` kull xahar ta` l-attrici li kienet tammonta ghal bejn EUR 400 u EUR 500 fix-xahar.

Il-flus li gibed f`daqqa l-konvenut mill-bank kienu zbankati xahar biss wara li l-konvenut zamm l-attrici ghandu.

Ghalhekk lanqas ma jista` jsir l-argument li dawk il-flus intuzaw ghal spejjez li kienu gew inkorsi mill-konvenut jew minhabba li kellha tithallas il-*home* propju ghaliex il-konvenut dahhal lill-ommu fil-*home* xhur wara meta kienu lahqu saru l-atti notarili in kwistjoni.

**Ghalhekk qeghda tilqa` s-sitt u seba` talbiet.**

## VII. <u>L-imghax</u>

L-attrici talbet il-hlas tal-imghax legali fuq l-ammont ta` EUR 13,000 b`effett mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 fejn il-konvenut kien i nterpellat sabiex jirrifondi dawk il-flus.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone'</u>** fejn inghad :-

> *Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**<u>O`Connor – vs- Bruno Olivier</u>**" a Vol XVI pI p84). »*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza fl-isimijiet '**<u>Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe'</u>**

fejn inghad illi l-imghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu mill-jum illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju u li sabiex jiddekorru l-imghaxijiet l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici intimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.

**Fil-kaz tal-lum, u tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax ghandu fuq it-EUR 13,000 ghandu jiddekorri b`effett mill-21 ta` Lulju 2011, data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011 (fol 19).**

## VIII. Il-konvenuta

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuti, jinghad illi l-konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici tal-attrici, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti sejra tirrespingi din il-pretensjoni.

L-ewwel hames talbiet attrici huma dedotti kontra l-konvenut wahdu.

Huma biss is-sitt u s-seba` talbiet li huma diretti kontra l-konvenuta wkoll. Sar hekk ghaliex ladarba l-flus tqeghdu mill-konvenut go kont fejn kien hemm flus tieghu u tal-mara, il-flus depozitati saru parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konvenuti u ghalhekk iridu jwiegbu t-tnejn ghat-talbiet li jirrigwardaw dawk il-flus.

Tajjeb jigi rimarkat ukoll illi l-konvenuta kienet imharrka wkoll ghal kull interess li jista` jkollha bhala mart il-konvenut, in vista tal-fatt li r-regim patrimonjali ta` bejn il-konvenut huwa regolat bil-komunjoni tal-akkwisti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet attrici, u dwar l-eccezzjonijiet li baqghu mhux decizi bis-sentenza parzjali taghha tat-30 ta` Settembru 2013, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha.**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Tilqa` r-raba` talba billi tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta` donazzjoni ta` bejn l-attrici u l-konvenut tal-14 ta` Gunju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor George sive` Jurgen Galea (Dok GC1) u tappunta d-data ta` nhar l-Erbgha 28 ta` Frar 2018 fil-11.00 a.m. fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, ghall-pubblikazzjoni tal-att ta` rexxissjoni.**

**Tilqa` l-hames talba billi tahtar lin-Nutar Pubbliku ta` Malta Dr Nicholas Vella sabiex jippubblika l-att ta` rexxissjoni u tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici bhala kuratur sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta` rexxissjoni.**

**Tilqa` s-sitt talba.**

**Tilqa` s-seba` talba billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta` tlettax-il elf Ewro (EUR 13,000) bl-imghax legali b`effett mill-21 ta` Lulju 2011 (data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez relatati mas-sentenza parzjali tat-30 ta` Settembru 2013, l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Lulju 2011, l-ispejjez tal-ittra ufficjali ta` l-4 ta` Awissu 2011 u l-ispejjez tal-mandat**

**ta` sekwestru kawtelatorju li kien ipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**